Vol 40
Nru 203
Jannar - Marzu 2019

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2019

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Stemma tal-Kustodja*
*tal-Art Imqaddsa*

# Werrej



6



15



20




25

6 San Franġisk fl-Art Imqaddsa (i) (1219 - 2019)

15 Ħarsa lejn il-Ħajja Ċelibi fil-Bibbja

20 L-Intimità ta' Mosè ma' Alla (1)

25 Magħqudin mal-Misteru ta' Kristu

33 Il-Figura ta' Pilatu fl-Evanġelju skont San Ġwann

33




# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Pellegrinaġġi ta' Kwalità

Iċ-ċifri maħruġin mill-Ministeru tat-Turiżmu ta' Iżrael għas-sena 2018, juru li s-sena li għaddiet 3,890,000 turist żar l-Art Imqaddsa. Din il-figura ta' kważi 4 miljuni kienet 9% akbar minn dik fl-2017 u 35% akbar minn dik fl-2016. B'kollox, is-sena li għaddiet, daħlu 2.1 biljun ta' Shekels Iżraeljani (500 miljun Ewro).

Kull min ġie l-Art Imqaddsa f'dawn l-aħħar snin bilfors intebaħ li n-numru ta' pellegrini fis-Santwarji tal-Fidwa żdied u li kull fejn mar sab folol kbar. Naturalment, mhux il-persuni kollha li jiġu l-Art Imqaddsa jiġu bi skop reliġjuż, billi din l-art għandha rikkezzi kbar x'toffri fil-kamp kulturali, arkeoloġiku, u anke ta' divertiment. Imma jibqa' l-fatt li, dejjem skont l-istatistiċi Iżraeljani, aktar minn nofs it-turisti li jiġu huma Kristjani bi skop li jagħmlu pellegrinaġġ. Il-kalkoli li normalment isiru juru li l-persentaġġ jaqbeż is-60%, u li l-maġġoranza assoluta tal-viżitaturi jgħaddu mis-Santwarji tal-Fidwa.

Dawn il-figuri huma pożittivi, għax juru kemm Iżrael hu attrezzat biex jilqa' miljuni ta' turisti u joffri opportunità biex il-Kristjani jiġu hawnhekk u jesprimu l-fidi tagħhom fil-Postijiet Qaddisa. L-istess ngħidu fil-każ tal-Palestina, fejn insibu santwarji importanti bħall-knisja tan-Natività f'Betleħem. Jekk il-kapijiet politiċi jħarsu favorevolment lejn il-progress ekonomiku li jġib miegħu



*...editorjal*

*Pellegrinaġġi ta' kwalità*

it-turiżmu reliġjuż, nafu li dan l-aspett m'għandux ikun l-uniku kriterju li wieħed iqis meta jagħmel analiżi tal-kwalità ta' viżitaturi u pellegrini li jiġu l-Art Imqaddsa.

Il-Knejjes Insara fl-Art Imqaddsa, fosthom il-Kustodja tal-Art Imqaddsa li tħares il-maġġoranza tas-Santwarji, jinsistu li l-knejjes għandhom ikunu miftuħin biex jilqgħu fihom lil kull tip ta' viżitatur. L-akkoljenza tal-pellegrini u turisti hi xogħol importanti fis-Santwarji, kemm għalina l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, kif ukoll għall-Knejjes Insara l-oħrajn, bħalma hi l-Knisja Griega, dik Armena, jew oħrajn (Kopti, Sirjani, Etjopiċi, Russi, Anglikani, Luterani).

Anke l-provenjenza tal-pellegrini turi bidla radikali. Fejn qabel il-pellegrini kienu jiġu l-aktar mill-Ewropa u l-Amerika ta' Fuq, issa l-maġġoranza qed jiġu mill-Amerika Latina, mill-Afrika u l-Asja. Wieħed jinnota folol ta' pellegrini Brażiljani, Messikani, Niġerjani, Koreani, Russi, Indjani u Ċiniżi. Dawn il-pellegrini kollha għandhom l-istil tipiku kif jitolbu u jżuru s-Santwarji tal-Fidwa. Ta' spiss dan it-taħlit ta' kulturi jnissel sens ta' konfużjoni u storbju fis-Santwarji, li llum saru żgħar fid-daqs biex jilqgħu l-folol li ta' kuljum jidħlu fihom.

Għal dawn ir-raġunijiet, hu importanti li wieħed jipprovdi opportunità ta' pellegrinaġġi ta' kwalità. Jiġifieri, li wieħed jiżgura li l-pellegrini li jiġu l-Art Imqaddsa biex jitolbu u jikbru fil-fidi tassew jagħmlu din l-esperjenza. Dan ix-xogħol hu impenn serju, li aħna l-Franġiskani

nemmnu li hu dmir tagħna, b'mod partikulari fil-każ tal-pellegrinaġġi li jiġu organizzati minna, permezz tal-Kummissarjati tal-Art Imqaddsa f'ħafna pajjiżi tad-dinja.

Il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta dejjem ħa bis-serjetà dan id-dmir. Illum, aktar minn qatt qabel, teħtieġ preparazzjoni professjonali biex il-pellegrini li jiġu magħna joħorġu sodisfatti. U dan mhux biss mil-lat ta' organizzazzjoni teknika tal-pellegrinaġġ (li hi wkoll importanti, naturalment), imma speċjalment mil-lat spiritwali. In-numru dejjem jiżdied ta' viżitaturi jagħmilha dejjem aktar diffiċli li wieħed isib mumenti ta' talb u ġabra f'ċertu ambjent ta' skiet. Għaldaqstant, il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa jagħmel minn kollox biex jisfrutta l-pożizzjoni privileġġjata tagħna l-Franġiskani fi ħdan is-Santwarji, ħalli l-pellegrini li jiġu magħna jsibu ħinijiet apposta ta' talb li fihom is-Santwarji ma jkunux maħnuqa b'eluf ta' viżitaturi.

Il-pellegrinaġġ mal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa jiżgura possibilità biex il-pellegrini jqattgħu ftit ħin fit-talb fl-aktar żewġ Santwarji problematiċi minħabba l-folol li jżuruhom, jiġifieri l-Qabar ta' Kristu u l-Grotta tan-Nativitá. F'dawn il-postijiet il-pellegrini tagħna jkollhom opportunità li jkollhom Quddiesa, jew li jieħdu sehem f'waħda mill-purċissjonijiet devoti li ta' kuljum jagħmlu l-Franġiskani fl-aktar ċentri qaddisa tal-Fidwa, bħalma huma l-Grotta tal-Annunzjazzjoni f'Nazaret, Betleħem, il-Kalvarju u l-Qabar ta' Kristu. L-istess ngħidu għall-opportunità tal-adorazzjoni li ssir fuq il-Blata tal-Agunija fil-Ġetsemani.

Dan kollu hu importanti biex il-pellegrini jkollhom tassew esperjenza ta' pellegrinaġġ li jibqgħu jiftakruha. Imma dan kollu hu possibbli bħala riżultat tal-impenn serju tal-Kummissarju u tal-kollaboraturi tiegħu biex jippjanaw sewwa l-pellegrinaġġi, ħafna drabi minn żmien twil qabel. Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa tmexxi Ċentru ta' Informazzjoni u Uffiċċju tal-Pellegrini f'Ġerusalemm, bl-iskop li tipprovdi programmazzjoni serja għal dawk li jixtiequ jibbukjaw mumenti partikulari ta' talb waqt il-pellegrinaġġ. Fl-istess Ċentru qed jitħejja ambjent li fih il-pellegrini jkollhom projezzjoni multimedjali dwar il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, bl-iskop li jkollhom spjegazzjoni kalma tal-Post Imqaddes qabel ma jirfsu l-għatba tal-Bażilika mimlija storbju u konfużjoni, fejn qajla hu possibbli li wieħed jieqaf jispjega.

Il-pellegrinaġġ ta' kwalità hu l-iskop ewlieni tal-ħidma pastorali tal-Franġiskani tal-Art Imqaddsa u tal-Kummissarjati tagħhom, inkluż tagħna f'Malta. Aħna m'aħniex kontra t-turiżmu u nieħdu pjaċir li t-turisti f'Iżrael u l-Palestina żdiedu u kotru b'ritmu mgħaġġel. Dan iġib miegħu aktar paċi u progress. Nafu wkoll li l-maġġoranza tat-turisti huma Kristjani, li jiġu b'ċertu impenn ta' fidi. Filwaqt li nifirħu b'dan kollu, nibqgħu ninsistu li l-pellegrinaġġ mhux ġita turistika, u li n-nies li jiġu magħna jibqgħu jiftakru mhux kemm iddevertew jew kielu tajjeb (anke jekk dan hu importanti, nerġgħu intennu), imma kemm kellhom esperjenza sabiħa ta' talb u katekeżi, li hi biss frott ta' preparazzjoni professjonali ta' pellegrinaġġ bi kwalità - il-pellegrinaġġ li aħna l-Franġiskani nixtiequ nibqgħu noffru bħala l-karatteristika li timmarkana fl-Art Imqaddsa.




# SAN FRANĠISK FL-ART IMQADDSA (I) (1219 - 2019)

*Noel Muscat ofm*

San Franġisk ta' Assisi hu magħruf bħala l-qaddis tal-paċi u d-djalogu. Fit-taqlib tad-dinja medjevali, kkaratterizzata mill-intriċċi politiċi bejn il-qawwa imperjali u dik papali, u mhedda mit-tixrid ta' movimenti eretiċi u mill-periklu tal-Islam, San Franġisk waqqaf familja ta' patrijiet li kellha tbiddel il-qafas soċjali u reliġjuż tal-Ewropa għal sekli sħaħ. Tassew,

Franġisk t'Assisi jibqa' tifkira ta' persuna li tiġbor fiha nnifisha n-natura vera ta' dik il-*Christianitas* li tat forma u identità lill-Ewropa. Jekk din l-affermazzjoni ssibx qbil fl-imħuħ u l-qlub ta' Ewropej kontemporanji hi ta' importanza iżgħar mill-kontribut li l-Kristjaneżimu ta għall-formazzjoni ta' komunità ta' nazzjonijiet iggvernati mill-valuri tad-demokrazija u tal-libertà.

Franġisku twieled fi ħdan familja ta' negozjanti, trabba fl-ispirtu tal-Kruċjati tipiku ta' dawk is-snin, u ġie edukat fil-kultura kavallereska tal-*amor courtois*. Fl-istess ħin, meta sar żagħżugħ, Franġisku kien ukoll konxju mill-ħażen tad-diviżjoni soċjali bejn il-*maiores* (klassi tan-nobbli) u l-*minores* (klassi tal-merkanti). Hu kien jirrispetta n-natura ta' Knisja u soċjetà ġerarkika, ir-rabtiet fewdali bejn in-nobbli u l-bdiewa, imma kien ukoll wieġeb b'entużjażmu biex ibiddel dan kollu permezz ta' moviment li fih dawk li jiggvernaw kellhom jissejħu *ministri* u *custodes*, fi spirtu ta' libertà ta' espressjoni, tal-qsim tal-ġid u r-riżorsi ekonomiċi, u tal-moviment ħieles li ma kienx għadu deher daqshekk ċar fl-istorja tal-Kristjanità.

Wieħed mill-aktar atti kuraġġużi ta' Franġisk t'Assisi kien dak li hu biddel l-interpretazzjoni tal-ispirtu Kruċjat tas-seklu 13. Il-Kruċjati kienu ilhom attivi sa mill-ewwel sejħa għall-Kruċjata armata li kienet saret mill-Papa Urbanu II fil-Konċilju ta' Clermont (Novembru 1095). Sa Lulju 1099 l-armati Kruċjati kienu waslu Kostantinopli, qasmu l-Bosforu u l-Anatolja (Turkija moderna), u daru lejn in-nofsinhar tul il-kosta tal-Libanu u tal-Palestina. Fil-15 ta' Lulju 1099 daħlu trionfalment fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm.



*Papa Urbanu II jikkonsagra l-altar tal-abbazija ta' Cluny u jħabbar il-Kruċjata*

Il-Kruċjati waqqfu r-Renju Latin ta' Ġerusalemm, imma biss għal perjodu qasir. Fl-1187 huma tilfu Ġerusalemm u kellhom jirtiraw fil-port fortifikat ta' Akri fuq il-kosta, u f'kastelli oħrajn li kienu bnew, fejn damu sat-18 ta' Mejju 1291, id-data li timmarka t-tmiem tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm fl-Art Imqaddsa.

Meta l-Kruċjati tilfu l-Art Imqaddsa li spiċċat f'idejn Saladin waqt il-battalja ta' Qarne Hattin (4 ta' Lulju 1187) u mbagħad kellhom jabbandunaw Ġerusalemm (2 ta' Ottubru 1187), Franġisk t'Assisi kellu biss ħames snin. Jista' jkun li kien impressjonat mill-istejjer tat-traġedja li tferrxu bħal ħuġġieġa nar fl-isqaqien dojoq ta' Assisi. Meta kien żagħżugħ hu kien xorob sewwa l-ispirtu tal-Kruċjata, u fl-1204 kien ipprova jingħaqad mal-armata ta' Guatier de Brienne fil-Puglie bl-iskop li jitlaq għall-Kruċjata u hekk isir kavallier. Il-proġett tiegħu spiċċa fix-xejn wara ħolma li kellu fi Spoleto, wara biss ġurnata vjaġġ. Ukoll meta kien diġà kkonsagra lilu nnifsu lil Alla, Franġisku pprova jmur darbtejn "fl-artijiet tal-infidili", għalkemm din id-darba b'intenzjoni qaddisa, jiġifieri dik li jipprietka lil Kristu u hekk jakkwista l-palma tal-martirju. In-nuqqas ta' esperjenza tiegħu ġegħluh jitlaq minn Ancona fl-1212, biex imbagħad imma spiċċa fuq il-kosta tad-Dalmazja, wara li tempesta ġarret il-ġifen li kien fuqu lejn il-port ta' Zadar (fil-Kroazja). Mill-ġdid, fl-1213 hu pprova jmur fl-artijiet Misilmin ta' Spanja u l-Marokk, imma marad u kellu jirritorna. Kien biss fl-1219, eżattament 800 sena ilu, li Franġisku rnexxielu jmur f'Damietta, fl-Eġittu, billi ngħaqad mal-Ħames Kruċjata b'intenzjonijiet li kienu mili bogħod mill-ideali oriġinali li hu kien ħaddan fis-snin ta' żgħożitu.

F'din is-sensiela ta' artikli għal din is-sena, aħna sejrin nirreferu għal dan it-tentattiv ta' Franġisku li joħloq forma ġdida ta' Kruċjata, b'tali mod li l-wasla tiegħu fl-"artijiet tal-infidili" kienet ta' natura providenzjali, u kienet il-bidu tal-kontribut kbir tal-patrijiet tiegħu, il-*fratres Minores* (patrijiet



*Il-Port tal-Pisani f'Akri, fejn San Franġisk wasal fl-1219*

Minuri) biex jagħtu forma ta' preżenza Kristjana u jippreservaw l-identità Kristjana ta' dan ir-reġjun li aħna nsejħulu l-Art Imqaddsa.

## Il-kuntest storiku tal-Ħames Kruċjata

Meta l-Papa Innoċenz III beda l-pontifikat tiegħu fit-22 ta' Frar 1198, il-Knisja kienet f'qagħda li kienet titlob riforma kbira. Kif rajna, l-Art Imqaddsa kienet spiċċat f'idejn is-Saraċini. It-Tielet Kruċjata tal-1189-1192 kien irnexxielha terġa' takkwista xi fortizzi Kruċjati tul il-kosta tal-Palestina, bħal Akri, kif ukoll il-gżira ta' Ċipru, imma ma kinetx waslet biex terġa' tirbaħ lil Ġerusalemm. Minkejja dan, ir-Re Richard I tal-Ingilterra (*Richard the Lionheart*) kien iffinalizza trattat ma' Saladin, li bih il-Kristjani kellhom permess li jidħlu fil-Belt il-Qaddisa mhux armati. Fl-Ewropa s-sitwazzjoni tal-Knisja kienet ikkumplikata minħabba li kienu twieldu diversi movimenti lajkali eretiċi fi ħdan il-Knisja, fosthom il-Katari, l-Albiġiżi u l-Valdiżi, kif ukoll il-moviment aktar moderat tal-Umiliati, li l-*propositum vitae* jew regola tagħhom kienet l-ewwel ġiet ikkundannata mill-Papa Luċju III fid-digriet *Ad abolendam* tal-1184, imma mbagħad ġiet approvata minn Innoċenz III fl-1202, li ntebaħ li kien jaqbel li japprova movimenti



*Papa Innoċenz III*

lajkali li kienu juri sens ta' ubbidjenza lejn il-Knisja u ortodossija fid-duttrina Kristjana.

Innoċenz III beda jirriforma l-Knisja, imma kellu jistenna ħafna snin sakemm fl-aħħar iddeċieda li jlaqqa' Konċilju fil-Lateran. Fid-19 ta' April 1213, Papa Innoċenz III ħareġ l-ittra *Vineam Domini Sabaoth*, kontra l-għedewwa tal-Kristjanità, li hu sejħilhom "bhejjem ta' diversi għamliet li qed jippruvaw jeqirdu l-għalqa tad-dwieli tal-Mulej tal-eżerċti." F'din l-ittra l-Papa ħabbar Konċilju ġenerali għall-Knisja Latina. Il-Konċilju Lateran IV tlaqqa' f'Novembru 1215, u kien uniku fl-iskop u l-impatt tiegħu. Kien dan il-Konċilju li sejjaħ għall-formazzjoni tal-Ħames Kruċjata, li dawk li kellhom jieħdu sehem fiha kienu jittamaw li kellha tkun l-aħħar battalja deċiżiva għad-difiża tal-Kristjanità.

L-isforzi ta' Innoċenz III kienu xabla taqta' b'żewġt ixfar. Mill-banda l-waħda hu nieda l-Kruċjata kontra l-Albiġiżi fi Franza tan-nofsinhar fl-1209, biex hekk jeqred darba għal dejjem id-duttrina eretika tal-Katari. Mill-banda l-oħra, hu ried jikkonċentra l-attenzjoni fuq it-theddida tal-Islam u l-bżonn li l-Art Imqaddsa terġa' tintrebaħ għall-Kristjanità. L-uniku mod biex dan iseħħ kien dak li l-Papa u l-mexxejja politiċi



*Il-Konċilju Lateran IV*

kienu jafu bih, jiġifieri l-Kruċjata.

Kien waqt il-Konċilju Lateran IV li tlaqqa' f'Ruma f'Novembru 1215, li Innoċenz III ħabbar li hu kellu intenzjoni li jordna lill-qawwiet Kristjani Ewropej biex josservaw perjodu ta' waqfien mill-ġlied bejniethom, u pjuttost jikkonċentraw il-forzi biex jorganizzaw Kruċjata ħalli jerġgħu jieħdu lura l-Art Imqaddsa minn idejn il-Misilmin. L-aħħar digriet tal-Konċilju (14 ta' Diċembru 1215), li hu żieda mas-70 kanoni tal-istess Konċilju, u li jibda bil-kelmiet *Ad liberandam Terram sanctam*, jitkellem dwar Kruċjata ġdida biex teħles l-Art Imqaddsa. Fost affarijiet oħrajn, il-Papa jikteb:

"Hi xewqa mħeġġa tagħna li neħilsu l-Art Imqaddsa minn idejn l-infidili. Għaldaqstant niddikjaraw, bl-approvazzjoni ta' dan il-Konċilju mqaddes u wara li smajna l-parir ta' rġiel prudenti li huma konxji għalkollox miċ-ċirkustanzi taż-żminijiet u l-postijiet, li l-Kruċjati għandhom ikunu lesti, sabiex dawk kollha li se jbaħħru jinġabru flimkien fir-renju ta' Sqallija fl-1 ta' Ġunju tas-sena wara s-sena d-dieħla (1217): uħud minnhom skont il-ħtieġa jinġabru Brindisi u oħrajn Messina u postijiet qrib fuq iż-żewġ naħat, fejn aħna nixtiequ, jekk Alla jrid, li nkunu preżenti personalment f'dak iż-żmien sabiex, bil-pariri u l-għajnuna tagħna, l-armata Kristjana tkun tista' titlaq bl-ordni u bil-barka divina u apostolika" (*Conciliorum Oecumenorum Decreta. Edizione Bilingue*, a cura di G. ALBERIGO ET ALII, Edizioni Dehoniane, Bologna 2013, 267).

Is-sejħa għal Kruċjata kontra l-Islam kienet diġà saret mill-Papa Innoċenz III f'April 1213 fl-enċiklika *Quia maior*. Dan id-dokument papali kellu l-iskop li jqajjem l-ispirtu Kruċjat tal-Ewropa Kristjana quddiem l-okkupazzjoni Musulmana tal-Postijiet Qaddisa. Il-kliem u l-istil ta' dan id-dokument huma qawwija, u jagħtuna idea dwar il-mentalità ta' dak iż-żmien rigward it-theddida tal-Islam għall-Kristjanità:

"Il-popli Kristjani, fil-fatt, kellhom f'idejhom il-provinċji kollha tas-Saraċini sa żmien San Girgor, imma minn dak iż-żmien qam iben it-telfien, il-profeta falz Muhammad, li qarraq b'ħafna irġiel u begħedhom mill-verità permezz tal-pjaċiri tad-dinja u tal-ġisem. Għalkemm il-qerq tiegħu baqa' jaħkem sal-ġurnata tal-lum, aħna xorta waħda nqiegħdu l-fiduċja tagħna fil-Mulej li diġà tana sinjal li t-tajjeb ġej dalwaqt, li t-tmiem ta' din il-bhima riesaq. In-numru tagħha, skont l-Apokalissi ta' San Ġwann, se jintemm fi żmien 666 sena, li minnhom għaddew 600 sena. Biex inkomplu nsemmu l-ġrieħi kbar u gravi li s-Saraċini qarrieqa għamlu lir-Redentur tagħna, minħabba l-ħtijiet tagħna, insemmu li l-istess Saraċini qarrieqa dan l-aħħar bnew fortizza biex jieqfu lill-Kristjani fuq il-Għolja tat-Tabor, fejn Kristu irrivela lid-dixxipli l-viżjoni tal-glorja futura tiegħu. Permezz ta' din il-fortizza huma jaħsbu

li jkunu jistgħu faċilment jokkupaw il-belt ta' Akri, li tinsab fil-qrib, u mbagħad jinvadu l-kumplament tal-art mingħajr ma jsibu reżistenza li tiqfilhom, billi bħalissa dan ir-reġjun hu nieqes mill-qawwiet armati u mill-provvisti." (INNOCENTIUS III, *Quia maior*, in *Patrologiae cursus completa, series Latina*, ed. J.P. MIGNE, vol. 216, col. 817-822).

## Is-sultan tal-Eġittu al-Malek al-Kamel

Il-Ħames Kruċjata seħħet fi żmien is-sultan al-Malek al-Kamel (1218-1238), bin al-Malek al-Adel (1200-1218) mid-dinastija tal-Ajjubidi, li kien jiġi ħu Saladin. L-isem sħiħ tas-sultan kien al-Malek al-Kamel Nasser ad-Din Abu al-Ma'ali Muhammad. Twieled madwar l-1180. Wara l-1200 kien sar Viċirè tal-Eġittu, meta missieru kien għadu jsaltan. Wara li miet al-Adel, l-Imperu tal-Ajjubidi nqasam bejn al-Kamel bħala Sultan tal-Eġittu, ħuh al-Mu'azzam Isa, gvernatur tal-Palestina u t-Transġordanja, u ħuh ieħor al-Ashraf Musa, li kien isaltan fis-Sirja. Is-saltna ta' al-Kamel kienet ikkaratterizzata mill-ġrajjiet marbutin mal-Ħames Kruċjata.

Al-Kamel kien tilef il-belt ta' Damietta, fuq id-delta tax-xmara Nil, li kienet waqgħet f'idejn il-Kruċjati fil-5 ta' Novembru 1219, imma reġa' rebaħha lura wara li kellu vittorja fuq l-armata Kruċjata li kienet riesqa lejn il-Kajr f'Settembru 1221. Nota oħra importanti tas-saltna tiegħu kien il-perjodu ta' waqfien mill-ġlied li hu kien innegozja mal-Imperatur Federiku II, Re ta' Sqallija. Wara li fl-1227 kien miet al-Mu'azzam, li kien qered il-ħitan ta' Ġerusalemm, al-Kamel reġa' akkwista kontroll fuq il-Palestina. Hu ta lura lil Ġerusalemm, Betleħem u Postijiet Qaddisa oħrajn f'idejn ir-Renju Kruċjat għal perjodu ta' 10 snin, li kellu jibda fl-1229. L-eċċezzjoni kienet biss l-ispjanata tat-Tempju, bil-Koppla tal-Blata u l-Moskea ta' Al-Aqsa, li hu post qaddis għall-Musulmani. Is-Saraċini kellhom id-dritt li jibqgħu jgħixu fis-sigurtà fil-Belt Qaddisa ta' Ġerusalemm. Al-Kamel miet fl-1238, meta t-Torok Kwareżmjani kienu bdew jinvadu l-Palestina, u dan il-perjodu ta' waqfien mill-ġlied intemm fl-1239.

Al-Malek al-Kamel kien magħruf bħala Sultan qawwi imma pjuttost twajjeb. Fir-relazzjonijiet tiegħu mal-Kruċjati hu ta' spiss kien joffrilhom konċessjonijiet, li huma dejjem ċaħdu, speċjalment minħabba l-karattru instransiġenti tal-Legat Papali, il-Kardinal Pelagius Galvan. L-iskop tagħna f'dawn l-artikli se jkun li nitkellmu dwar ir-relazzjonijiet bejn al-Kamel u San Franġisk t'Assisi, partikolarment rigward il-laqgħa famuża bejniethom li saret f'Damietta eżattament 800 sena ilu, f'Settembru 2019. Għalkemm bosta studjużi jqisu din il-laqgħa bħala ġrajja irrilevanti u marġinali fl-episodji tal-Ħames Kruċjata, imma xorta waħda din il-laqgħa tikkostitwixxi punt importanti fir-relazzjonijiet bejn il-Kristjani u l-Misilmin fi żmien meta dawn kienu dejjem fi gwerra kontra xulxin.



*Knisja medjevali ta' San Ġwann, Akri*

## L-isfond storiku tal-preżenza ta' San Franġisk fl-Orjent

L-episodju tal-wasla ta' San Franġisk fl-Eġittu fl-1219 diġà ġie studjat fuq li studjat mill-istoriċi fil-passat u fil-preżent. Dan il-vjaġġ ta' Franġisk t'Assisi jimmarka inizjattiva li kienet oriġinali fil-mod kif seħħet u fl-effett li ħalliet fuq il-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa. Għalkemm għandha x'taqsam aktar mal-istorja tal-Ordni Franġiskan fil-bidu tiegħu, imma dejjem ġiet iddokumentata minn għejun kontemporanji li ħarġu mill-pinna tal-kronisti tal-Ħames Kruċjata, li ma kinux tant familjari mal-familja reliġjuża ġdida li waqqaf San Franġisk. Għaldaqstant ix-xhieda tagħhom hi prezzjuża, għalkemm huma kitbu aktar bl-iskop li jirrakkontaw l-ispedizzjonijiet militari tal-Kruċjati u jitkellmu biss marġinalment dwar il-laqgħa ta' Franġisku ma' al-Kamel.

Iż-żjara ta' San Franġisk t'Assisi fl-Orjent fl-1219 timmarka mument kronoloġiku importanti fl-istorja Franġiskana. Kien mument deċiżiv fl-espansjoni tal-preżenza Franġiskana fl-artijiet ta' *Outremer*, l-isem Franċiż li bih il-Kruċjati kienu jsejħu r-reġjun tal-Lvant Nofsani, letteralment, l-artijiet "lil hinn mill-baħar". Wieħed ma jistax jiċħad il-fatt li hemm elementi leġġendarji li daħlu fir-rakkont ta' dan l-episodju, l-aktar f'dokumenti tardivi, u li għalhekk jagħmluha diffiċli li wieħed jasal għal konklużjonijiet li huma tassew definittivi. Imma jekk nagħtu ħarsa lejn l-ewwel dokumentazzjoni, ikollna idea ċara dwar in-nukleu storiku ta' dik li tibqa' kwestjoni miftuħa fost l-istudjużi kontemporanji tal-istorja Franġiskana.

Ħarsa lejn l-għejun ta' dan l-episodju teħtieġ preżentazzjoni qasira tad-diversi possibiltajiet ta' kif nistgħu ninterpretaw il-fatti. L-iskop tagħna se jkun prinċipalment dak li nerġgħu nipproponu l-isforzi ta' pijunier fl-istudji Franġiskani, u membru tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, Patri Girolamo Golubovich ofm (1865-1941), fl-ewwel volum tas-serje *Biblioteca bio-bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano*, pubblikat mill-Edituri Franġiskani tal-Kulleġġ San Bonaventura, fi Quaracchi (Firenze), fl-1906. Dan il-volum ikopri l-perjodu bejn il-bidu tal-Ordni Franġiskan, jiġifieri mill-1215, u jkompli sa tmiem is-seklu 13, u jagħti attenzjoni partikulari lill-fenomenu tal-preżenza Franġiskana fl-Orjent. Il-fatti jistgħu jiġu wkoll konfrontati mal-opri ta' żewġ studjużi oħrajn benemeriti tal-istorja Franġiskana, jiġifieri Paul Sabatier (*Vie de Saint François d'Assise*, Paris 1894) u Arnaldo Fortini (*Nuova Vita di San Francesco*, Assisi 1959, 5 volumi).

Golubovich jippreżenta lista kronoloġika taż-żjara ta' San Franġisk fl-Orjent matul il-Ħames Kruċjata. Jiena se nippreżenta dan l-ordni kronoloġiku. Għalkemm diversi studjużi llum għandhom oġġjezzjonijiet dwar it-teżi ta' Golubovich, jidhirli li d-deskrizzjoni tiegħu wieħed jista' jorbot ħafna fuqha.

Il-ftuħ tal-Ordni Franġisk għall-missjonijiet "lil hinn mill-Alpi" (*oltrealpe*) u "lil hinn mill-baħar" (*oltremare,* jew *Outremer*) tmur lura għall-14 ta' Mejju 1217. Din id-data timmarka ġrajja magħrufa bħala l-kapitlu ġenerali ta' Pentekoste, li kien assemblea tal-ministri u l-kustodji tal-Ordni f'Assisi, ippreseduta minn San Franġisk innifsu. Din l-assemblea ġenerali kienet tiġi ċċelebrata kull sena fis-solennità ta' Pentekoste, almenu sal-1223, is-sena li fiha l-Papa Onorju III ikkonferma r-*Regola bollata* tal-patrijiet Minuri. Aktar tard dan l-istess kapitlu ġenerali beda jiġi ċċelebrat darba kull tliet snin.

Kien f'dan il-kapitlu tal-1217 li Franġisku bagħat lill-patrijiet tiegħu f'reġjunijiet fil-bogħod u waqqaf fraternitajiet missjunarji. Dawn il-

fraternitajiet eventwalment kellhom jiffurmaw l-ewwel "provinċji" tal-Ordni. Fost l-għejun, jew fonti medjevali għall-ħajja ta' San Franġisk, insibu din id-deskrizzjoni fil-*Leggenda dei tre compagni*: "Wara li l-imqaddes Franġisku kien akkwista dak il-post ta' Santa Marija (tal-Anġli) mill-abbati li semmejna (l-Abbati tal-monasteru ta' San Benedetto al Subasio), hu ordna li hemmhekk jinżamm kapitlu darbtejn fis-sena, jiġifieri f'Għid il-Ħamsin u fid-Dedikazzjoni ta' San Mikiel (29 ta' Settembru). F'Għid il-Ħamsin kienu jiltaqgħu l-aħwa kollha fil-knisja ta' Santa Marija u kienu jiddiskutu dwar kif setgħu aħjar iħarsu r-regola, kif ukoll kienu jaħtru lil dawk l-aħwa fid-diversi provinċji li kienu jippritkaw lill-poplu, u aħwa oħrajn kienu jibgħatuhom fi provinċji oħrajn" (L3C 57, in *Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi*, Vol. 1, 592).

L-istess episodju jiġi rrakkontat b'mod aktar dettaljat fil-*Kronaka* ta' Nikolaus Glassberger u fil-*Kronaka tal-24 Ministri Ġenerali tal-Ordni tal-Minuri*, li jindikaw id-data eżatta ta' dan il-kapitlu ġenerali. Matul dak il-kapitlu tal-1217 grupp ta' patrijiet kienu volontarji biex imorru fil-missjoni ta' *Outremer*. Il-kap tagħhom, jew aħjar, il-ministru, ġie elett fil-persuna ta' fra Elia ta' Cortona. Hu l-istoriku Giordano da Giano li jgħidilna hekk fil-*Kronaka* tiegħu: "Fra Elia ġie magħżul bħala ministru provinċjal u San Franġisku bagħtu fir-reġjun lil hinn mill-baħar." Il-Provinċja ta' *Outremer* kienet ukoll magħrufa bħala l-Provinċja tas-Sirja, jew *Provincia Terrae Promissionis*, u oriġinarjament kienet tinkludi r-reġjun kollu tal-Lvant Nofsani, inkluż l-Eġittu, Palestina, Ġordanja, Libanu, Sirja, Antjokja, Ċipru, Kostantinopli u Greċja.

Għalkemm il-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa tmur lura uffiċjalment għall-1217, il-*Vita Prima* ta' fra Eġidju t'Assisi tgħid li dan il-fra umli kien l-ewwel patri li wasal fl-Art Imqaddsa u żar il-Qabar ta' Kristu u Ġerusalemm fl-1215.

Fid-9 ta' Mejju 1218, sena wara l-kapitlu ta' Pentekoste li fih Fra Elia ntbagħat fl-Orjent, ir-Re Jean de Brienne, id-Duka Leopold tal-Awstrija u Wilhelm tal-Olanda telqu bl-armati Kruċjati tagħhom minn Akri u niżlu qrib Damietta, fuq


*Kruċjati jbaħħru lejn l-Art Imqaddsa*

id-delta tax-xmara Nil, fl-Eġittu. Huma ħejjew l-assedju ta' din il-belt u bdew l-offensiva tagħhom kontra al-Malek al-Kamel. Fl-24 ta' Awwissu l-Kruċjati, immexxijin minn Leopold tal-Awstrija, irnexxielhom jieħdu taħt idejhom il-fortizza msejħa "Torri tal-katina", li kienet mibnija fiċ-ċentru tax-xmara u kienet tagħlaq b'katina ħoxna ż-żewġ naħat tax-xmara, biex hekk l-ebda ġifen tal-gwerra ma jkun jista' jersaq qrib Damietta. F'Settembru ta' dik is-sena wasal fil-kamp tal-Kruċjati l-Legat Papali, il-Kardinal Pelagius Galvan, li kellu karattru ta' ġellied u mexxej militari. Al-Malek al Mu'azzam Isa, Sultan ta' Damasku u ħu al-Malek al-Kamel, ġie biex jgħin lil ħuh, u hu u ġej l-Eġittu bl-armati tiegħu, ħatt il-ħitan ta' Ġerusalemm, ħlief iċ-Ċittadella ta' David u l-Qabar ta' Kristu. Dan biex, jekk il-Kruċjati jieħdu f'idejhom il-belt, ma kienx ikollhom l-ebda ħitan biex jiddefendu ruħhom. Sa Frar tas-sena 1219 l-armati tal-Ħames Kruċjata, li kienu kkampjati fuq ix-xaqliba tal-Punent tan-Nil, qasmu għan-naħa l-oħra biex hekk ikunu jistgħu jibdew l-assedju tal-belt ta' Damietta.

Il-belt ta' Damietta, magħrufa wkoll bħala Damiata jew Dimyat bl-Għarbi, tinsab fuq waħda mill-fergħat tax-xmara Nil, xi 15-il kilometru mill-baħar Mediterran u madwar 200 kilometru fuq it-Tramuntana tal-Kajr. Fi żmien il-qedem il-belt kienet magħrufa bħala Tamiat, u fl-epoka Ellenistika kienet tissejjaħ Tamiathis. Tissemma mill-Ġeografu Biżantin Stephanos fis-seklu 6, u aktar tard bdiet tissejjaħ Damietta mill-kelma Eġizzjana "Damt" li tfisser kapaċità, billi l-belt tinsab f'post fejn hemm l-ilma ħelu tax-xmara imma wkoll l-ilma mielaħ tal-baħar. Hemm oħrajn li jgħidu li l-belt kienet tissejjaħ Tam Heet, li tfisser belt tal-ilma, minħabba l-fatt tal-ilma abbundanti li hemm. Isem ieħor possibbli kien Tam Het, li bil-Koptu jfisser belt tat-Tramuntana.

L-Għarab ħadu l-belt mill-ħakma Biżantina, taħt il-Kaliff Omar ibn al-Khattab (589-644) tad-dinastija tal-Umajjadi. Il-Biżantini ppruvaw jerġgħu jakkwistaw din il-belt strateġika fis-snin 739, 821, 921 u 968, imma ma rnexxilhomx. Taħt id-dinastija tal-Abbasidi Damietta kienet wieħed mill-portijiet ewlenin tal-Eġittu, flimkien ma' Lixandra. Baqgħet port importanti wkoll fi żmien id-dinastija tal-Fatimidi.

Ftit qabel il-ġrajjiet tal-Ħames Kruċjata, meta l-Kruċjati kienu għadhom f'Ġerusalemm, kienu attakkaw Damietta bi flotta, flimkien mal-Imperatur Biżantin, imma Saladin kien rebħilhom.



# ĦARSA LEJN IL-ĦAJJA ĊELIBI FIL-BIBBJA

*Fr Charles Buttigieg*

*"...biex tgħixu marbutin mal-Mulej bla tixrid ta' moħħ" (1 Korintin 7:35)*

Iċ-ċelibat huwa għażla libera ta' ħajja, fejn wieħed jagħżel li ma jiżżewwiġx u li jingħata kollu kemm hu lil Alla u lill-bnedmin. Mill-perspettiva biblika, iċ-ċelibat huwa l-aħbar it-tajba tas-"saltna tas-smewwiet", "…fejn la jżewġu u lanqas jiżżewġu" (Mt 22:30), u għalhekk żgur li mhuwiex xi nuqqas fil-ħajja tal-bniedem. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika f'paragrafu 915 jgħidilna li: "…dawk li minn rajhom jilqgħu s-sejħa għall-ħajja kkonsagrata titlob minnhom id-dmir li jħarsu l-kastità fiċ-ċelibat f'ġieħ is-Saltna tas-Smewwiet…".

## Fl-Antik Testment

Fl-Antik Testment niltaqgħu ma' mumenti ta' astinenza minn relazzjonijiet sesswali u dan meta xi persuni kienu se jkellmu lil Alla jew qabel il-qadi liturġiku: "Lestu ruħkom għat-tielet jum; sadattant tersqux lejn in-nisa tagħkom." (Eżodu 19:15). Mument ieħor ta' astinenza sesswali, kien meta s-suldati kienu se jmorru għall-gwerra li kienet meqjusa bħala waħda qaddisa u hawnhekk għandna l-episodju tas-suldat Urija, ir-raġel ta' Batseba li magħha r-re David kellu relazzjoni ta' mħabba. Ġara li Batseba ħarġet tqila b'tarbija minn David, u dan biex jgħatti d-dnub tiegħu tal-adulterju, ried li Urija jkollu x'jaqsam ma' martu qabel ma dan imur għall-gwerra ħalli b'hekk ma jindunax li t-tifel li kien ġej fid-dinja kien ta' David: "L-arka ta' Iżrael u Ġuda qegħdin fit-tined u





sidi Ġowab u l-qaddejja ta' Sidi fil-kamp għall-beraħ tar-raba', u mbagħad jien immur f'dari niekol u nixrob, u norqod ma' marti? F'ħajjietek u ħajjet ruħek, dan ma nagħmlu qatt." (2 Samwel 11:11). Fil-fatt Urija quddiem il-liġi ma setax jersaq lejn martu u dan David kien jafu u b'hekk wara li fallielu dan il-pjan, David għamel minn kollox sabiex Urija jinqatel fil-gwerra.

Ma ninsewx fuq kollox, is-sejħa ċara għall-ħajja ċelibi tal-profeta Ġeremija li kien ġej minn familja saċerdotali tat-tribù ta' Benjamin (ara Ġer 16:1). Ghalhekk mela fl-A.T. niltaqgħu mal-ħsieb taċ-ċelibat, għalkemm jitkellem iktar minn mumenti ta' rażan u astinenza. Anke l-kitbiet Ġudajċi bħal il-*Mixna* u t-*Talmud*, li jitkellmu ħafna mill-astinenza sesswali qabel is-servizz liturġiku, jitkellmu wkoll miċ-ċelibat. Infatti nsibu wkoll xi Rabbini li kienu ċelibi.

## Fil-Ġdid Testment

Fil-Ġdid Testment, iċ-ċelibat huwa mħabbar bħala 'aħbar tajba' tas-Saltna tas-Smewwiet. Insibuh b'mod iżjed frekwenti u vvalorizzat aktar, kif naraw, fil-vanġeli u fl-ittri ta' San Pawl. Ġesù nnifsu ċelibi, jitkellem miċ-ċelibat fejn isemmi lil dawk il-persuni li jiċċaħħdu li

jiżżewġu għas-Saltna ta' Alla: "…u hemm oħrajn li jsiru hekk minn rajhom minħabba s-Saltna tas-Smewwiet…" (Mt 19:12). Iċ-ċelibat ma kienx xi ħaġa ta' barra minn hawn fi żmien Ġesù; kien jiġi pprattikat minn xi individwi ta' spiritwalità kbira. San Ġwann il-Battista ma kienx miżżewweġ kif ukoll kien l-appostlu San Ġwann l-Evanġelista. Insibu anke l-komunità ta' Qumran, l-Esseni, fejn l-irġiel u n-nisa kienu jiddedikaw ħajjithom lil Alla fiċ-ċelibat.

San Mattew f'22:23-33 jurina l-episodju interessanti ta' Ġesù mas-Sadduċej li ma kinux jemmnu fil-qawmien tal-ġisem fl-aħħar taż-żminijiet. Huwa diskors li jitkellem dwar il-ħajja ta' wara l-mewt u ż-żwieġ, iżda jagħtina dawl ukoll fuq iċ-ċelibat. Hawnhekk Ġesù jurina l-verità tal-qawmien mill-imwiet, liema viżjoni eskatoloġika tagħti sens u skop liċ-ċelibat. Iċ-ċelibat huwa mfisser bħala vokazzjoni u grazzja. Anke fl-episodju dwar id-divorzju mal-Fariżej, Ġesù f'Mt 19:3-13, ukoll jagħti importanza liċ-ċelibat: "Hemm ewnuki li jitwieldu hekk minn ġuf ommhom, oħrajn jagħmluhom hekk in-nies, u hemm oħrajn li jsiru hekk minn rajhom minħabba s-Saltna tas-Smewwiet. Min jista' jifhem, jifhem!" (Mt 19:12). Il-kelma Griega *eunoukos* tfisser bniedem ċelibi jew impotenti, eżattament tfisser tħares il-mara, *eune* tfisser il-post fejn hemm il-mara u *ekhein* tfisser 'tħares'. Is-Sumeri (2000 Q.K.) kellhom l-ewnuki għall-funzjonijiet soċjali, kienu s-saċerdoti ta' Cybele, u fil-Bibbja nsibu l-ewnuki ta' Assweru *sarisim* u ewnuku tal-Etjopja tas-sultana Kandaċi (Atti 8 :27-39). Jingħad li Origene u Pietru Abelard kienu ewnuki. San Luqa f'18:29-30, jitkellem miċ-ċelibat minħabba s-Saltna ta' Alla wkoll. Naraw fuq kollox hawnhekk iċ-ċelibat bħala abbandun u faqar iżda li mbagħad wara, wieħed jirċievi l-premju, fejn Ġesù jwiegħed il-mitt darba aktar f'din id-dinja u mhux biss, imma anke l-ħajja eterna.

San Pawl li huwa nnifsu kien ċelibi kif naraw f'1 Korintin 7:7, iħares lejn iċ-ċelibat bħala don partikulari tal-grazzja ta' Alla fejn wieħed jingħata esklussivament għal Alla (ara 1 Kor 7:29-35; 1 Tim 3:2 u Titu 1:6). Huwa jfaħħar iċ-ċelibat, iżda huwa qatt ma jikkundanna ż-żwieġ jew impona ċ-ċelibat fuq xi ħadd: "Irridkom tkunu bla ħsibijiet. Min mhux miżżewweġ jaħseb fil-ħwejjeġ tal-Mulej, kif jogħġob lill-Mulej" (1 Kor. 7:32). Għalih iċ-ċelibat huwa kariżma u rabta ma' Kristu "…biex tgħixu marbutin



mal-Mulej bla tixrid ta' moħħ." (1 Kor 7:35).

## Iċ-Ċelibat Saċerdotali fil-Knisja Kattolika

Il-ministri ordnati kollha tal-Knisja Kattolika tar-Rit Latin, barra mid-djakni permanenti, huma rġiel ċelibi. Huma msejħin sabiex jikkonsagraw ħajjithom lil Alla u lill-ħwejjeġ tiegħu. Iċ-ċelibat saċerdotali għalhekk huwa don minn Alla. Iċ-ċelibat għas-saċerdoti tar-Rit Latin ġie stabbilit b'mod uffiċjali fit-tnax-il seklu bħala kundizzjoni universali wara r-riformi tal-Papa Gregorju VII. Iċ-ċelibat saċerdotali ma nsibuhx biss fir-reliġjon kattolika imma hu aċċettat ukoll minn knejjes oħra Nsara u nsibuh f'xi reliġjonijiet oħra bħal pereżempju fil-Buddiżmu.

Il-Konċilju Vatikan II, fid-Digriet dwar il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, *Presbyterorum ordinis* tas-7 ta' Diċembru 1965 fin-numru 16 jgħid: "Iċ-ċelibat hu sinjal ta' din il-ħajja ġdida, li għall-qadi tagħha huma kkonsagrati l-ministri tal-Knisja; milqugħ b'qalb hienja, iċ-ċelibat iħabbar is-Saltna ta' Alla b'mod tassew ferħan". Dokumenti oħra li jitkellmu dwar iċ-ċelibat huma *Optatam totius* tat-28 t'Ottubru 1965, *Sacerdotalis Caelibatus*, Enċiklika ta' San Papa Paulu VI tal-24 ta' Ġunju 1967, *Novo Incipiente Nostro*, Ittra Appostolika ta' San Papa Ġwanni Pawlu II tas-6 ta' April 1979, u *Ultimis Temporibus* Sinodu Dinji tal-Isqfijiet, tat-30 ta' Novembru 1971.

Ommna l-Knisja mnebbħa dejjem mill-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tkompli mela tgħallem iċ-ċelibat saċerdotali bħala għażla libera u li tgħin is-saċerdot ikun miftuħ iktar għall-oħrajn fil-qadi tal-missjoni tiegħu u jkun marbut mal-affarijiet tas-sema. B'dan il-Knisja trid tfisser, il-għotja sħiħa tas-saċerdot u ta' ħajtu għall-familja 'ikbar', dik tal-merħla ta' Kristu.

## Bibliografija


Blenkinsopp, J., *Celibacy, ministry, Church*, New York 1968.

Callam, D., "Clerical continence in the fourth century: Three Papal decretals", in *Teological Studies* 41 (1980).

Cochini, C., *The Apostolic Origins of Priestly Celibacy*, San Francisco (CA) 1990.

De Lorenzi, L. "Verginita" in *Nuovo Dizianario di Teologia Biblica*, Roma 1988.

*The Code of Canon Law. A text and commentary*, J.A. Coriden – T.J. Green – D.E. Heintschel (eds.), Bangalore 1991.

Hire, R.P., *Our Christian Faith. One, holy, catholic and apostolic Church*, Huntington 1977.

*Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika*, Arcidjocesi ta' Malta (eds.), Blata l-Bajda 1993.

*Nuovo Dizionario di Spiritualità*, S. de Fiores – T. Goffi (eds.), Torino 1985.

*Nuovo Dizonario di Teologija Biblica*, P. Rossano – G. Ravasi – A. Girlanda (eds.), Roma 1988.



# L-INTIMITÀ TA' MOSÈ MA' ALLA (1)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Bil-kelma intimità wieħed għandu jifhem xi ħadd ta' ġewwa, mela tal-qalb. Dan ifisser li hemm ħbiberija tassew, ġenwina, tal-qalb, u li tista' tafdaha b'għajnejk magħluqa. Din l-intimità twassal lil wieħed biex jiftaħ qalbu beraħ mal-ieħor u viċe versa żgur li mhux se jqarraq bih. Din l-azzjoni konkreta ta' intimità forsi l-aktar li tidher huwa bejn il-miżżewġin infushom u l-aktar meta dawn f'mument ta' mħabba għolja jagħrfu lil xulxin.

Issa wieħed mill-personaġġi bibliċi li kellu tassew intimità ma' Alla huwa l-leġiżlatur Mosè. Dan il-bniedem tant huwa personaġġ ta' importanza, ta' ħila, u ta' altruwiżmu ta' mexxej li ismu jinsab miktub għal tmien mija u erbatax-il darba (814) fil-Kotba Mqaddsa. Ukoll fil-Ktieb tan-Numri nsibu hekk dwar Mosè "Mosè kien bniedem umli, l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wiċċ l-art." (12,3) Kien dak il-bniedem li tkellem mal-Mulej "wiċċ imb wiċċ" (Eż 33,11). Dan seħħ għaliex Mose stess talab lil Alla u qallu: "Ħallini, nitolbok, nara l-Glorja tiegħek" (Eż 33,18). F'dan l-artiklu se noħorġu għad-dawl dawk il-mumenti privileġġjati daqskemm uniċi ta' intimità profonda li kellu Mosè ma' Alla.

## Ħdejn il-Ħoreb

L-ewwel waqt qawwi ta' intimità li kellu Mosè ma' Jahweh u li dan il-waqt ħalla impatt fuq il-bqija ta' ħajtu kien f'riġlejn il-muntanja Ħoreb. Mosè nnifsu din il-wirja straordinarja jsejħilha "id-dehra tal-għaġeb" (Eż 3,3). Waqt li kien qed jirgħa n-ngħaġ ta' ħatnu Ġetru, fil-bogħod lemaħ "għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm" (Eż 3,2). Din għal Mosè kienet ġrajja li hu qatt ma basar li se jgħaddi minnha.

Interessanti kif Mosè minkejja li diġà kien ta' età avvanzata sew - aktar minn sebgħin sena – kien għadu jaf jistagħġeb. Kontra n-nies u aktar it-tfal tagħna li ma għadhom jistagħġbu b'xejn, kollox sar *for granted* għalihom. Dan għaliex fil-ħwejjeġ tas-sema qatt wieħed ma għandu jkollu familjarità. Mosè kompla jinħakem minn stagħġib kbir tant li kif kien riesaq biex iħares, sama' min isejjaħlu. Il-verb "iħares" bil-Grieg hu *katamoêsai,* ifisser tħares biex tirrifletti, taħseb fil-fond, tifhem: "Ħarsu *katanoèsate*, jiġifieri rriflettu lejn iċ-ċawl tas-sema" (Lq 12,24). Bl-Ingliż huwa *consider the ravens*. Hawn Ġesù jrid iwassal li wieħed jikkonsidra xi ħaġa sew daqskemm hu jkun kapaċi jirrifletti dwarha!

L-ambjent ta' din id-dehra seta' kien dan: Hemm sinet raba', jiġifieri biċċiet ta' għelieqi mtarrġin fuq xulxin. Mosè kien qiegħed fuq il-livell ta' isfel nett flimkien mal-merħla. Kien komdu, kellu ilma frisk ġieri, ħaxix tal-mergħa, ma kellux sħana hemm fejn kien, dan għaliex kien hemm iż-żiffa tħabbat ma' wiċċu, imkennen mir-riħ sħun tad-deżert. Biss Mosè ddeċieda li jitla' 'l fuq, biex jara x'kien qed jiġri tassew! Mosè hawn issa induna li b'din il-ġrajja u pjan, straordinarju, Alla ried ikellmu u jwassallu messaġġ speċjali daqskemm partikulari għalih. Alla ried jidħol f'intimità partikulari ma' Mosè.



## X'sama' Mosè

Il-passi li għamel Mosè kienu deċisivi; huwa baqa' riesaq lejn l-għollieq. Issa jkompli l-ktieb sagru: "Il-Mulej rah riesaq biex jara, u Alla sejjaħlu minn qalb l-għollieq u qallu: 'Mosè, Mosè!" (Eż 3,4). Hekk kif dan il-bniedem ragħaj sama' min isejjaħlu b'ismu u għal darba tnejn, ħa xokk kbir, forsi wkoll beża'. Kif inhi qatt din, li hawn f'dan id-deżert jaħraq u ħarr, hawn xi ħadd jafni b'ismi!? U mhux biss, imma dan it-tali lil ħaten Ġetru sejjaħlu darbtejn: Mosè, Mosè.

Fil-Bibbja hemm eżempji oħra fejn l-isem tagħhom jissemma darbtejn; u dan ġara dejjem f'mumenti qawwija, mumenti ta' responsabiltà. L-ewwel eżempju huwa dak tal-patrijarka Abraham. Din is-sejħa lil Abraham saritlu matul waqt fejn jimmarka bidla f'ħajjet Abraham. Alla l-ewwel iwiegħed lil Abraham nisel kbir daqs ir-ramel tal-baħar u bħall-kwiekeb tas-sema (Ġen 22,17) u issa qiegħed jitolbu biex joffrilu lil ibnu l-waħdieni b'debħa fuq il-muntajna Morija.

Abraham obda bil-qawwa kollha. Huwa diġà kien rabat lil ibnu Iżakk u ħafen f'idu is-sikkina biex joqtol lil ibnu, meta sama' min isejjaħlu: "Abraham, Abraham. La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ u tagħmillu ebda ħsara" (Ġen 22,12). Tensjoni akbar minn dik Abraham żgur li qatt ma reġa' għadda minnha f'ħajtu.

It-tieni eżempju, dejjem mit-Testment il-Qadim, huwa dak tal-profeta Samwel (1 Sam 3,10). Kien żmien meta l-Istat ta' Iżrael kien qed joqrob lejn il-monarkija. In-nies bil-qawwa kollha talbu għal din ir-realtà. Ukoll



iż-żewġt itfal ta' Eli, Ħofni u Finħas abbużaw bil-kbir mill-pożizzjoni tagħhom bħala wlied il-qassis il-kbir Għeli. Huma kienu jaħtfu biċċiet kbar mil-laħam, tal-bhejjem li kienu qegħdin jiġu offruti biss lil Alla (1 Sam 2,12-15). Ukoll dejjem Ħofni u Finħas "kienu jimteddu man-nisa, li kienu jservu fil-bieb tad-tinda tal-laqgħa" (1 Sam 2,22b). Abbuż kbir mis-setgħa li kellhom dawn ulied Għeli. Għalhekk wasal il-kastig tassew kbir u orribbli.

Quddiem din is-sitwazzjoni Alla ħabbar kastig lil Eli permezz tat-tfajjel Samwel: "Samwel, Samwel: Ara jien se nagħmel waħda f'Iżrael, li kull min jisma' biha jdamdmu widnejh it-tnejn" (1 Sam 3,11).



Fit-Testment il-Ġdid hemm ukoll eżempji fejn isem jiġi mtenni. Hekk fl-istorja ta' Marta (Lq 10,41); waqt l-aħħar ċena, Ġesù jdur fuq Xmun u jsejjaħlu darbtejn biex joqgħod attent (Lq 22,31); fil-konverżjoni ta' Sawl ta' Tarsu hemm fit-triq ta' Damasku (Atti 9,4); kif ukoll Ġesù jtenni l-isem tal-għażiża belt tiegħu Ġerusalemm (Mt 23, 37; Lq 13,34). Tant kien qawwi dan il-waqt li Ġesù beka fuq il-belt tiegħu. (Lq 19,41)

## X'fehem Mosè

Mela Mosè f'dik il-ħemda tad-deżert tas-Sinaj sema' lil xi ħadd b'deċiżjoni kbira jsejjaħlu darbtejn! Għalhekk hawn Mosè fehem x'inhi l-inizjattiva Divina. Mhux Mosè kien li qed ifittex lil Alla, imma Alla nnifsu kien qed ifittex u forsi wkoll jiġri wara Mosè. Eżempju klassiku bħal dan tah Ġesù stess meta lill-appostli qalilhom ċar u tond: "Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom" (Ġw 15,16). Dan kien eżempju ċar li Ġesù ma mexiex skont it-tradizzjoni tal-istudenti Lhud.

F'dan is-skiet tad-deżert Alla wera l-intimità tiegħu ma' Mosè meta rrivela lilu l-glorja tiegħu. Mosè għadda minn esperjenza ta' għarfien ġdid tiegħu lejn Alla. Sa issa għal Mosè Alla kien xi ħadd li għandu jagħmillu xi ħaġa: Forsi jqajjem xi rivoluzzjoni, jew imur qalb in-nies u jagħti ħajtu għalihom.

Iżda grazzi għall-intimità qawwija li Mosè daħal fiha, induna sewwa li Alla huwa differenti ħafna minn kif kien jaħsbu hu. Alla huwa ħanin tassew, iħobb, jagħti kas sew tal-krib u l-weġgħat tal-individwu, u dan minkejja li hu ħafna drabi minsi min-nies.

U sabiex Alla lill-leġiżlatur Mosè jkompli jdaħħlu fl-intimità miegħu huwa ssokta jgħidlu: "Jiena hu Alla ta' missirijietek:

Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb" (Eż 3,6). Dan il-kliem ta' intimità flimkien ma' dak li ra u sama', ġablu mill-ġdid it-trankwilità, is-serħan u l-bilanċ. Hawn Mosè induna li kien għadu ma fehem xejn dwar Alla ħaj u veru. Alla ried ikompli jgħid u jassigura lil Mosè li kif fl-imgħoddi mexa ma' missirijietu, Abraham, Iżakk u Ġakobb, hekk ukoll se jimxi miegħu bħala mexxej. Hekk kif fl-imgħoddi Alla ma telaqx lilhom u dak li wegħedhom lanqas ma kien se jitlaq lilu u lill-poplu kollu.

## Alla tal-ħniena

L-intimità bejn Alla u Mosè tkompli tissaħħaħ u tintrabat meta Alla jkompli jgħidlu: "Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu" (Eż 3,7). Dan ma kienx biżżejjed għaliex il-kliem spirat ikompli: "U jiena smajt il-karba tagħhom minħabba fl-argużini" (Eż 3,7). Kien imiss it-tielet azzjoni quddiem dan kollu: "Issa nżilt biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani u biex intellagħhom" (Eż 3,8).

Huwa kollu veru li dan huwa kliem biex wieħed jifhem l-imħabba flimkien mal-preokkupazzjoni ta' Alla lejn il-poplu li huwa għażel għalih! Iżda impliċitament Alla qed ikompli jorbot l-intimità tiegħu ma' Mosè. L-awtur sagru juża erba' verbi, li huma l-aktar li jorbtu magħhom familjarità, għotja u mħabba. Dawn huma "ħarist", "rajt", "smajt", u "inżilt". Mela Alla għandu kompassjoni sħiħa lejn in-nies tiegħu u speċjalment lejn dawk batuti.

Quddiem din ir-realtà hekk għolja, imqanqla u fil-prattika ġejja minn Alla, Mosè ma kien fadallu xejn x'jagħmel ħlief li jsaħħaħ aktar l-intimità qawwija li ġa kellu ma' Alla, imma issa aktar issaħħet grazzi għal dak li ra, sama' u tkellem miegħu dwar il-missjoni ġdida li Alla omnipotenti kien se jafdalu.





# MAGĦQUDIN MAL-MISTERU TA’ KRISTU

*Marcello Ghirlando*

*Lectio Divina ta’* Filippin 3:1-18 – 4:1

Fid-dawl tat-tħeġġiġa għall-qdusija li għamlilna l-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku, nixtieq naqsam magħkom *Lectio Divina* li saret waqt il-Kapitlu tal-Ħsajjar li l-Patrijiet Franġiskani għamlu fl-aħħar ta' Jannar li għadda.

## Talba Introduttiva

Missier Qaddis, fl-imħabba kbira tiegħek għalina, Inti ridt li l-kelma tiegħek tgħammar fostna f'Ġesù Ibnek, Sidna. Nitolbuk biex bil-qawwa tal-Isem glorjuż tiegħu tħeġġeġ fina wkoll id-don tal-Ispirtu s-Santu. Ħa jkun fina Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta' għerf. Ħa jkun l-Ispirtu tiegħek li jħeġġilna qalbna u jiftħilna moħħna għall-intelliġenza tal-Iskrittura. L-Ispirtu qaddis ta' Ġesù jħeġġeġ fina l-imħabba fl-għarfien tiegħu u jkattar fina l-fedeltà u l-perseveranza fit-triq tal-qdusija. Dan nitolbuh bil-qawwa tal-Isem glorjuż ta' Ibnek u bl-interċessjoni ta' Marija, Ommna u Omm il-Kelma. Ammen

## 1. Lectio

Jien u t-test tal-Bibbja: **"L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla"** (2 **Tim 3:16-17).**




**L-Ittra lill-Filippin - Kapitlu 3: Il-qdusija vera**

Mill-bqija, ħuti, ifirħu fil-Mulej! Jiena ma niddejjaqx niktbilkom fuq l-istess ħwejjeġ, għaliex dan isaħħaħkom. Oqogħdu attenti mill-klieb! Oqogħdu attenti minn dawk li jagħmlu l-ħażen! Attenti minn dawk li jridu t-tqattigħ tal-ġisem! Għax dawk li tassew għandhom iċ-ċirkonċiżjoni huma aħna; aħna li qegħdin naqdu lil Alla fl-Ispirtu u niftaħru fi Kristu Ġesù; aħna li ma nqegħdux il-fiduċja tagħna fil-ġisem, għad li jien nista' nqiegħed il-fiduċja tiegħi fil-ġisem. Jekk hemm xi ħadd li għandu għax iqiegħed it-tama tiegħu fil-ġisem, jiena għandi aktar minnu: ta' tmint ijiem għamluli ċ-ċirkonċiżjoni, twelidt fil-poplu ta' Iżrael, mit-tribù ta' Benjamin, Lhudi mil-Lhud, Fariżew fl-osservanza tal-Liġi; biż-żelu li kelli, ippersegwitajt il-Knisja; għal dik li hi ġustizzja tal-Liġi, ħadd ma sata' jgħid xejn fija. Imma dak kollu li għalija kien qligħ, jien għaddejtu bħala telf minħabba Kristu. Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik

li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu, il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi. Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet.

**Inħarsu 'l quddiem**

M'iniex ngħid li jiena ġa ksibtu, jew li jien ġa perfett. Imma nross 'il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili. Ħuti, ma jidhirlix li dan ġa lħaqtu; imma ħaġa waħda ngħid: waqt li ninsa 'l ta' warajja kollu, jiena nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi; niġri 'l quddiem lejn it-tmiem, biex nikseb il-premju li għalih Alla qed isejħilna hemm fuq fi Kristu Ġesù. Aħna li aħna perfetti, ħa nkunu ta' din il-fehma. Jekk taħsbu xorta oħra, jagħtikom id-dawl Alla. Mill-bqija, wasalna fejn wasalna, ħa nimxu pass wieħed.

Ħuti, ixbhu lili, u ħarsu lejn dawk li jimxu skont l-eżempju li rajtu fina. Għaliex hawn ħafna - dan għedtulkom bosta drabi, imma issa ntennihulkom bid-dmugħ f'għajnejja - hawn ħafna li jġibu ruħhom bħal għedewwa tas-salib ta' Kristu. It-telfien għad ikun tmiemhom; alla tagħhom hu żaqqhom, jiftaħru b'dak li jmisshom jistħu minnu, u



moħħhom biss fil-ħwejjeġ tad-dinja. Imma aħna pajżani tas-sema; minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi, is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu. Hu għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu, bil-qawwa tas-setgħa li għandu li jġib kollox taħtu. Għalhekk, intom, ħuti li intom l-għożża u x-xewqa tiegħi, ferħ u kuruna tiegħi, żommu sħiħ fil-Mulej, maħbubin tiegħi.

## 2. Meditatio

X'qiegħed jgħid Alla lili permezz ta' dan it-test?

**"Tkellem, Mulej għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'" (1 Sam 3:10).**

Biex nifhmu aktar it-test bibliku:

**a. Ħjiel qasir fuq l-Ittra lill-Filippin**

San Pawl żar il-belt ta' Filippi fis-snin 49-50 wara Kristu, flimkien ma' Sila, Timotju u Luqa (Atti 16:10). Fosi hu proprju hawn li nistgħu ngħidu li Pawlu xandar l-Evanġelju għall-ewwel darba fl-Ewropa. Hawnhekk, qrib ix-xmara, Pawlu għammed l-ewwel Insara ta' Filippi u n-neguzjanta

tal-porpra Lidja. Anke hawn Pawlu kellu jsofri persekuzzjoni, ħabs, sakemm jitlaq u jħalli warajh komunità ċkejkna ta' Nsara, in-nukleu li fuqu ffurmat ruħha l-Knisja ta' Filippi (Atti 16:11-40 u 1Tess 2:2).

Minħabba l-affett kbir li Pawlu juri fl-Ittra tiegħu lil din il-Knisja, jidher li hu stess kien iħossu marbut magħha b'rabta speċjali u b'relazzjoni tassew fraterna. Fil-fatt hija l-unika komunità li minnha Pawlu aċċetta rigali (2 Kor 11, 8-9). Nafu li l-Insara ta' Filippi kienu għenu lil Pawlu meta telaq mill-Maċedonja għall-Greċja; meta kienu jafu li kien il-ħabs ġabrulu l-affarijiet u bagħtuhomlu ma' Epafroditu. Dan, wara ftit li marad, reġa' lura lejn Filippi, b'ittra ta' Pawlu fejn l-appostlu fetaħ qalbu mal-Filippin, jagħtihom aħbaru u jurihom il-proġetti tiegħu, filwaqt li jinkoraġġihom fil-mixja ta' ħajja ġdida Nisranija li kienu qed jagħmlu.

L-Ittra lill-Filippin ġeneralment tiġi mqiegħda ma' dawk l-hekk imsejħa 'Ittri tal-ħabs'. Fil-fatt ħafna kienu jżommu li din l-ittra nkitbet meta Pawlu kien il-ħabs ġewwa Ruma. Illum l-istudjużi jżommu li din l-ittra ġiet miktuba fil-fatt meta Pawlu kien qed isofri l-ħabs, imma meta kien qed isofri mument ta' priġunerija f'Efesu (ara: 1Kor 15:32; 2Kor 1:8), u mhux f'Ruma. L-Ittra fil-fatt hija kontemporanja għall-Ittri lill-Korintin u l-kuntatt ta' Pawlu mal-Filippin, daqshekk frekwenti, jista' jiġi spjegat aktar mill-viċinanza ta' Filippi għal Efesu.



L-Ittra lill-Filippin mela ġiet miktuba x'aktarx fis-snin 56-57 WK, u fiha nistgħu nilmħu lil Pawlu fl-aqwa tal-battalji tiegħu u fl-eqqel tal-appostolat missjunarju tiegħu. Hija Ittra mimlija affett, trasmissjoni ta' sentimenti qawwija ta' ferħ, tħeġġiġ kontra l-Ġudajizzanti u sejħa qawwija għal perseveranza fit-triq tal-qdusija.

**b. Kummentarju**

Vers 1: Qabel ma Pawlu jibda ftit id-diskors tiegħu fuq il-periklu tal-Ġudajizzanti, l-appostlu jerġa' jtenni s-sejħa tiegħu għall-ferħ. Il-ferħ huwa fil-fatt il-*leitmotif* ta' din l-ittra miktuba mill-qalb ta' Pawlu.

Vrus 2-13: L-Appostlu jsejjaħ lill-imgħallmin Ġudajizzanti "klieb", kif il-Lhud kienu jsejħu lin-nies imbegħdin minn Alla, bħalma kienu l-pagani. Ta' min ifakkar li fi żmien Pawlu l-klieb jiġru fit-toroq kienu l-pjaga tal-Orjent kollu. Dawn il-Ġudajizzanti kienu bħal klieb jiġġerrew

u jagħmlu ħsara kbira lill-Kristjaneżmu ġenwin kif kien ippritkah Pawlu. Bi "tqattigħ tal-ġisem" għandek tifhem iċ-ċirkonċiżjoni li kienet issir bħala r-rit tal-inizazzjoni Lhudija fis-subien li l-Ġudajizzanti riedu jobbligaw lill-Insara ġejjin mill-paganiżmu għaliha. Il-pagani kienu jistkerrhu ċ-ċirkonċiżjoni u għalhekk Pawlu, f'isem Alla u bl-awtorità tal-Konċilju ta' Ġerusalemm, ma riedx jimponiha fuq il-pagani li kienu laqgħu lil Kristu u l-verità tal-Evanġelju.

Għal Pawlu, il-veru cirkonċiżjoni mhijiex dik fil-ġisem imma fil-qadi ta' Alla fl-Ispirtu, kif inhi dik tan-Nisrani li ma jiftaħarx f'ġismu (fiċ-ċirkonċiżjoni u l-obbligi li jġibu magħha) imma fi Kristu Ġesù, veru sies tal-qdusija, u li fiH iqiegħed it-tama tiegħu.

Vrus 4-6: L-Appostlu jitkellem dwar ħajtu bħala Lhudi pur u jgħid li kieku kellu jiftaħar b'dak li hu "tal-ġisem", kien ikollu għalxiex jiftaħar aktar mill-imgħallmin Ġudajizzanti. Iġib seba' titli li bihom jista' jiftaħar iktar minn ħaddieħor: ġie ċirkonċiż ta' tmint ijiem, kif riedet il-liġi, u mhux ta' kbir; kien Lhudi pur mit-twelid; kien mit-tribù ta' Benjamin, tribù privileġġata għax Benjamin biss, fost ulied Ġakobb, twieled fl-art imqaddsa u t-tribù tiegħu kienet l-ewwel waħda li qasmet il-Baħar tal-Qasab u l-ewwel sultan ta' Iżrael kien mit-tribù ta' Benjamin, u din baqgħet dejjem fidila lejn id-dinastija ta' David, is-suċċessur ta' Sawl, meta saret il-firda tas-saltna; kien "Lhudi mil-Lhud" għax ommu u missieru kienu t-tnejn Lhud puri; kien Fariżew, is-setta l-aktar fidila lejn il-Liġi ta' Mosè; kellu żelu kbir lejn il-Liġi ta' Mosè li saħansitra kien jippersegwita l-Insara; fl-aħħar nett, li ħadd ma seta' jikkritika l-imġiba tiegħu ta' Lhudi tajjeb meta kien għadu taħt il-Liġi.

Vrus 7-11: Dan kollu li semma kien "qligħ" għax kien iqiegħdu f'pożizzjoni privileġġata fost il-poplu tiegħu (f'din ix-xenqa għall-qdusija mibnija biss fuq il-kapaċità tal-bniedem!), imma hu qiesu bħala "telf" għall-imħabba ta' Kristu. Bil-kelma "kollox" li Pawlu jqis bħala "telf" u "knis" hu qed jalludi għat-titli kollha li semma qabel. Bil-kelma "knis" (*skubala*, ħmieġ, żibel) Pawlu ried jifhem li dak kollu li bih kienu jiftaħru l-Ġudajizzanti ma kienx jista' jnaddaf il-bniedem mid-dnubiet tiegħu u jagħtih il-vera qdusija. Il-qdusija (ġustizzja) vera ma tiġix mill-osservanza tal-Liġi imma tiġi permezz tal-fidi f'Ġesù; tiġi minn Alla għax hija grazzja tiegħu; u tinbena fuq il-fidi f'Ġesù u tinkludi



l-ħidma tal-bniedem li jibni ħajtu fuq din il-fidi fi Kristu.

L-effett u l-iskop tal-fidi fi Kristu hu l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, qawwa li ġġiegħel lill-Appostlu jaqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, li jsir jixbhu fil-mewt, biex imbagħad bħalu jikseb il-qawmien mill-imwiet. Il-ħajja Nisranija hija esperjenza kontinwa tal-ħajja fi Kristu; nibdewha fil-magħmudija billi nmutu u nqumu miegħu għall-ħajja ġdida, inkompluha matul ħajjitna fuq din l-art billi nbatu miegħu u mmutu u nqumu kuljum fuq in-nuqqasijiet tagħna, imbagħad immutu u nqumu miegħu għall-ħajja eterna. Kristu hu l-ħajja u l-qawmien tagħna. Kliem Pawlu jimmira għaż-żmien li ġej imma li jibda minn issa.

Vrus 12-16: Pawlu jilmaħ ħajtu bħala tiġrija, jew ġirja ta' atleta jistinka biex jirbaħ il-premju tar-rebħa. L-iskop tal-ġirja hu għal Pawlu l-qdusija, l-għaqda ma' Kristu hija milja ta' mħabba li hu jixtieq jaħtafha kif Kristu ħataf lilu fit-triq lejn Damasku. Pawlu jrid jinsa wkoll "lil ta' warajja biex nilħaq dak li hemm quddiemi". Dak li hemm warajh hi l-ħajja mingħajr Kristu, il-mumenti li jtaqqluh fil-mixja lejn Kristu Ġesù. Dak li hemm quddiemu hi l-kuruna tal-ġustizzja li tingħata lill-qaddejja fidili ta' Kristu. Hija ġirja imma li titlob li wieħed jimxi pass wara l-ieħor, il-pass wieħed tal-mument preżenti, il-pass wieħed li jiggarantixxi fedeltà u perseveranza fil-mixja lejn il-qdusija u l-perfezzjoni.

Vrus 17-21: L-Appostlu jħeġġeġ lill-Filippin biex jimxu warajh u d-dixxipli tiegħu u joqogħdu attenti mill-"għedewwa tas-salib ta' Kristu", li setgħu kienu l-Ġudajizzanti jew l-istess Insara li baqgħu mlaqqma fil-vizzji tagħhom. It-tmiem tal-għedewwa tas-salib hu t-telfien. Alla tagħhom hi żaqqhom, jiġifieri l-intemperanza, is-senswalità, ftaħir b'dak li huwa ħażin, il-ħajja materjalistika, il-bruda u n-nofs kedda fil-mixi wara Kristu Ġesù. Min jilqa' s-sejħa għall-qdusija jagħmlu għax jiftakar li huwa fil-fatt ċittadin tas-sema bil-qawwa tal-magħmudija li tgħaqqadna ma' Kristu li tiegħu qed nistennew it-tieni miġja. Ġesù huwa t-tama aħħarija tagħna: Hu għad ibiddel is-sura esterna li tgħaddi ta' ġisimna u jġibha għas-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu, wara l-qawmien. Ġisimna għad jitlibbes bil-glorja tas-sema bis-setgħa li Kristu għandu fuq kollox, setgħa universali u kosmika.

Vers 4:1: Pawlu jħeġġeġ lill-Filippin biex jibqgħu jżommu sħiħ fil-qdusija. Isejħilhom "ħuti maħbubin" u "mixtiqin", "kuruna tiegħi" (*stefanos,* il-girlanda li kienet tingħata lir-rebbieħ, jew li kien jilbes is-sultan meta jdur l-ibliet, jew li kien jilbes is-saċerdot waqt is-sagrifiċċju), u "ferħ tiegħi" Pawlu kien iħobb lill-Filippin li saru l-ferħ u l-kburija tiegħu. Jixtieq li jibqgħu hekk dejjem, għalhekk jgħidilhom "żommu sħiħ!"

**c. Biex it-test jinżel fil-qalb:**

* X'nifhem bi qdusija f'ħajti?

- Kemm nista' ngħid li "nagħraf lil Kristu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu f'ħajti?
- Ngħix bil-qawwa "tal-ġisem" jew bil-qawwa "tal-Ispirtu"?
- Kemm jien kapaċi ninħall minn kull irbit tal-passat li ma jħallinix niġri 'l quddiem fit-triq tal-qdusija.

**Il-qdusija skont Papa Franġisku: *Gaudete et Exultate* 19-20**

Hekk jikteb il-Papa Franġisku fin-numri 19-20.

19. In-Nisrani ma jistax jaħseb fil-missjoni tiegħu fuq din l-art mingħajr ma jara fiha mixja ta' qdusija, għax "dan irid Alla minnkom: il-qdusija tagħkom" (1 Tess 4:3). Kull qaddis jew qaddisa hu missjoni; hu pjan tal-Missier biex jirrifletti u jlaħħam, f'mument determinat tal-istorja, xi aspett tal-Evanġelju.

20. Din il-missjoni ssib il-milja tat-tifsira tagħha fi Kristu u nistgħu nifhmuha

biss jekk nibdew minnu. Fil-verità, il-qdusija tfisser li ngħixu f'għaqda miegħu l-misteri ta' ħajtu. Tfisser li nixxierku mal-mewt u l-qawmien tal-Mulej b'mod uniku u personali, li mmutu u nqumu mill-ġdid kontinwament miegħu. Imma tista' timplika wkoll li fil-ħajja tagħna nerġgħu nwettqu diversi aspetti tal-ħajja ta' Ġesù fuq din l-art: il-ħajja moħbija tiegħu, il-ħajja komunitarja, il-qrubija lejn dawk li kienu fl-aħħar post, il-faqar, u wirjiet oħra tal-għotja tiegħu għall-imħabba tagħna. Il-kontemplazzjoni ta' dawn il-misteri, kif ippropona Sant'Injazju ta' Loyola, torjentana biex inlaħħmuhom fl-għażliet tagħna u fl-imġiba tagħna. Għax "kollox fil-ħajja ta' Kristu hu sinjal tal-misteru tiegħu", "il-ħajja kollha ta' Ġesù hi r-Rivelazzjoni tal-Missier", "il-ħajja kollha ta' Ġesù hi misteru tal-Fidwa", "il-ħajja kollha ta' Kristu hi misteru ta' bidu ġdid", u "dak kollu li minnu għadda Kristu jwassalna biex inkunu nistgħu ngħixu fih u hu jgħix fina".

## 3. Oratio

X'se ngħid jien lil Alla wara li kellimni b'dan it-test? **"Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skont kelmtek"** (Lq 1:38).

**Salm 139 (138). Alla jinsab kullimkien**

Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni;
int taf meta noqgħod u meta nqum,
int tagħraf mill-bogħod ħsibijieti.
Int tagħraf il-mixi u l-waqfien tiegħi;
triqati kollha inti tafhom sewwa.
Inkun għadni anqas lissint il-kelma,
meta int, Mulej, tkun ġa tafha kollha.
Dawramejt inti tħaddanni,
u tqegħedli idek fuqi.
L-għerf tiegħek tal-għaġeb, ma nwassalx għalih;
għoli wisq, u ma nlaħħaqx miegħu.
Fejn immur 'il bogħod mill-ispirtu tiegħek?
Jew fejn nista' naħrab minn quddiem wiċċek?
Jekk nitla' fis-smewwiet, hemm int;
jekk nimtedd f'qiegħ l-art, int hemm ukoll.
Jekk nilbes il-ġwienaħ tas-sebħ,
u mmur ngħammar fi truf il-baħar,
hemm ukoll tilħaqni idek,
u taqbadni l-leminija tiegħek.
Jekk ngħid: "Ħa jaħbini d-dlam,
ħa jkunli d-dawl lejl madwari,"
anqas id-dlam ma hu mudlam;
għalik il-lejl jiddi bħan-nhar;
id-dlam bħad-dawl għalik.
Għax int sawwart il-ġewwieni tiegħi,



u f'ġuf ommi inti nsiġtni.
Inroddlok ħajr, għax b'mod tal-għaġeb għamiltni:
tal-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek.
U 'l ruħi inti tafha tajjeb.
Ma kienx moħbi għadmi minnek,
meta kont qiegħed insir fis-satra
u nintiseġ fil-qigħan tal-art.
Raw għajnejk l-għemejjel tiegħi:
kollha nkitbu fil-ktieb tiegħek;
u jiemi kienu ġa magħduda
meta ebda wieħed ma kien għad hemm.

Kemm huma tqal ħsibijietek għalija, O Alla!
Kemm hu bla tarf l-għadd tagħhom!
Li kelli ngħoddhom, huma aktar mir-ramel;
xħin nasal fl-aħħar, nkun għadni fil-bidu miegħek.
Mhux li kont teqred il-ħżiena, O Alla!
Mhux li l-qattiela jitbiegħdu minni!
Nies li b'qerq kontrik jeħduha,
li għalxejn kontrik iqumu.
Kemm nobgħodhom, Mulej, lil dawk li jobogħduk,
kemm nistmellhom lil dawk li jqumu kontrik!
B'mibegħda mill-akbar nobgħodhom,
għalija huma għedewwa tiegħi.

Għarbilni, O Alla, u agħraf qalbi;
iflini, u kun af ħsibijieti.
Ara iniex miexi fi triq ħażina,
u mexxini fit-triq ta' dejjem.



## 4. Contemplatio

Il-ħarsa lejn Alla u t-telqa ta' fiduċja f'idejh li jaf biss iħobbni. **"Ixħet fuqna, Mulej, id-dawl ta' wiċċek" (Salm 4:7)**

Grazzi Mulej ta' mħabbtek għalija fil-persuna ta' Kristu Ġesù Sidi.

Inroddulek ħajr għaliH innifsu u għal dak kollu li Hu għalina. Agħmel li nagħrfu l-qawwa tal-mewt u l-qawmien tiegħu li fiha tlaqqamna. L-Ispirtu qaddis tiegħek iżommna mlaqqma fiH, bidu u tmiem tal-fidi tagħna. Bl-interċessjoni ta' Dik li wilditu u tatulna bħala Feddej u Salvatur, għajn ta' kull tjieba u qdusija. Ammen.



# IL-FIGURA TA' PILATU FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

Flimkien ma' Pietru u Ġuda, Pilatu hu fost l-aktar karattri komplessi li jagħmlu parti min-narrattiva tal-Evanġelju skont San Ġwann.[1] Fid-djalogu tiegħu ma' Ġesù, Pilatu ma jifhimx il-kliem ta' Ġesù meta jafferma li hu sultan; jirrifjuta l-verità salvivika li kien qed joffri Ġesù; filwaqt li kien konvint li Ġesù kien bla ħtija, tant illi pprova jeħilsu. Fl-istess ħin, Pilatu juża



lil Ġesù biex jirredikola lil-"Lhud." F'dan l-artiklu se nippruvaw inqabblu l-preżentazzjoni ta' Pilatu fl-Evanġelju ta' San Ġwann ma' għejun storiċi oħra li mhumiex bibliċi u naraw x'nistgħu noħorġu dwar il-preżentazzjoni tal-karattru tiegħu.

## Pilatu fil-letteratura storika

Ponzju Pilatu kien ir-rappreżentant ta' Ruma fil-Lhudija bejn is-snin 26 sa 36/37 W.K. Il-kitbiet ta' *Josephus* u *Philo* juru biċ-ċar li Pilatu ma kienx iħobb jew inkella ma fehemx lil-Lhud. F'dawn il-kitbiet insibu rrakkuntati numru ta' stejjer li jitkellmu mill-konflitt ta' Pilatu mal-Lhud. Jidher li ftit wara l-wasla tiegħu fil-Lhudija fis-sena 26W.K., *Josephus* jikteb[2] li Pilatu ġab f'Ġersusalemm standarti Rumani bil-figura tal-Imperatur. Il-Lhud marru f'Ċesarija sabiex jitolbu lil Pilatu jneħħi dawn ix-xbihat, imma Pilatu m'għamel xejn għal ħamest ijiem. Meta fis-sitt jum, Pilatu hedded lil-Lhud bil-mewt immedjata jekk huma ma jirtirawx, kien hu stess li ċeda meta ra d-determinazzjoni tal-Lhud li kienu lesti jmutu għall-kawża tagħhom. B'hekk tneħħew dawn l-istandarti.

F'okkażjoni oħra, *Josephus* jikteb kif Pilatu ħataf il-fondi li kienu jiġu mit-teżor tat-tempju sabiex jibni akwedot f'Ġerusalemm,[3] xi ħaġa li waslet sabiex il-Lhud jirrabbjaw u jipprotestaw. F'din is-sitwazzjoni, Pilatu minflok ma sejjaħ b'mod miftuħ it-truppi Rumani, ordna operazzjoni bil-moħbi li fiha s-suldati li kienu libsin bi lbies ċivili infiltraw fil-folla li kienet qed tipprotesta, lesti biex jidorbu lil din il-folla bi bstaten aktar milli bix-xwabel. Minkejja dan, għas-sinjal ta' Pilatu, it-truppi marru lil hemm mill-ordnijiet li kellhom, u qatlu numru kbir ta' Lhud. [4]

Inċident ieħor seħħ meta Pilatu kien diġà gvernatur għal xi żmien. *Philo*[5] jirrakkonta kif Pilatu kien waqqaf tarki votivi tad-deheb bl-isem, għalkemm mhux bix-xbieha, tal-Imperatur fil-palazz ta' Erodi f'Ġerusalemm. Meta l-Lhud talbu sabiex jitneħħew dawn it-tarki, Pilatu webbes rasu ma riedx. Meta mbagħad xi Lhud prominenti kitbu lill-Imperatur, Tiberju rrabja u ordna li Pilatu immedjatament kellu jneħħi dawn it-tarki u jitrasferihom għat-tempju ta' *Augustus* f'Ċesarija. Skont *Philo*, l-intenzjoni ta' Pilatu ma kinetx wisq li jonora lill-Imperatur, daqskemm li

jdejjaq lil-Lhud billi b'mod intenzjonat ried jivjolenta l-użanzi tagħhom.[6]

## Pilatu u Ġesù

Bħala l-aġent maħtur minn Ruma fil-Lhudija, Pilatu kien responsabbli tat-truppi awżiljarji Rumani stazzjonati f'Ċesarija, fil-Galilija, b'armata f'Ġerusalemm. Madanakollu, xi drabi huwa kien joqgħod f'Ġerusalemm, speċjalment matul il-festa tal-Għid, biex ikollu kontroll tas-sitwazzjoni. Pilatu ma jingħata l-ebda titlu fl-Evanġelju skont San Ġwann[7] u jissemma biss fir-rakkonti tal-passjoni, jiġifieri fil-kapitli 18 u 19 ta' dan l-Evanġelju. Hawnhekk Pilatu jitkellem ma' Ġesù u mal-"Lhud"[8] li jressqu lil Ġesù quddiemu sabiex jiġi pproċessat.

Fir-rigward tal-proċess ta' Ġesù quddiem Pilatu fi Ġw 18:28-19:16a, l-Evanġelista organizza b'reqqa kbira d-djalogu bejn Pilatu u "l-Lhud", u bejn Pilatu u Ġesù, b'mod illi dawn jalternaw bejniethom. Strutturalment, dan l-episodju hu magħmul minn seba' xeni, fejn Pilatu narawh "dieħel" u "ħiereġ" mill-palazz fil-bidu ta' kull xena. Fl-ewwel, it-tielet, fil-ħames u fis-seba' xena, Pilatu "joħroġ barra" mill-palazz sabiex jitkellem mal-"Lhud" (18:29; 18:38b; 19:4; 19:13); fit-tieni, fir-raba' u fis-sitt xena, imbagħad, huwa "jidħol ġewwa" fil-palazz sabiex jitkellem ma' Ġesù (18:33; 19:1; 19:9).[9]

Fl-ewwel xena (18:28-32) Pilatu jippreżenta lil Ġesù lil-"Lhud" għalkemm dawn tal-aħħar ma ridux jidħlu fil-pretorju minħabba li din il-ħaġa kienet twassal biex dawn ikunu ritwalment impuri u allura ma kinux ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-ikla tal-Għid (v.28). B'mod ironiku, iżda l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħhom dwar Ġesù kienu se jagħmluhom spiritwalment "impuri"; u allura dawn l-istess azzjonijiet tagħhom kienu



se jwasslu biex huma ma jkunux jistgħu jiċċelebraw l-ikla vera tal-Għid li kienet se sseħħ fuq is-salib (ara 1:29; 6:51-55).

Pilatu joħroġ barra sabiex jistaqsihom: "X'akkuża għandkom kontra dan ir-raġel?" (18:29). It-tweġiba tal-"Lhud" - "Li kieku dan ma kienx raġel ħażin aħna ma konniex nagħtuh f'idejk" (v.30) - mhijiex akkuża legali u faċilment Ii tikxef id-dubji tagħhom fuq il-mistoqsija ta' Pilatu. Min-naħa tiegħu, Pilatu, li kien jaf li "il-Lhud" riedu joqtlu lil Ġesù, bħal donnu jibda jinkihom billi jilgħab bl-awtorità li huwa kellu. Hekk turi t-tweġiba tiegħu: "Ħuduh intom, u ġġudikawh intom skont il-liġi tagħkom." Għal dan il-kiem "il-Lhud" iwieġbu: "Aħna m'għandna setgħa noqtlu lil ħadd" (v.31).

Fit-tieni xena (v.33a) meta jerġa' jidħol fil-Pretorju, Pilatu jistaqsi lil Ġesù jekk huwa kienx is-sultan tal-Lhud. Din il-mistoqsija ta' Pilatu turi li huwa kien diġà kellu xi kuntatt mal-"Lhud" qabel l-arrest ta' Ġesù, meta probabbilment huma kienu qalulu li Ġesù kien qed jgħid li hu sultan, akkuża politika ta' tixwix kontra Ruma (ara 19:12). Din il-ħaġa tgħinna nifhmu l-mistoqsija li biha Ġesù jwieġeb lil Pilatu f'18:34. "Dan qiegħed tgħidu int minn moħħok? Jew kienu oħrajn li qalulek dan fuqi?" Pilatu iżda jibqa' 'l bogħod mil-"Lhud" u ma jżommx magħhom filwaqt li jidher li ried jeżamina dan il-każ hu stess. Hekk turi t-tweġiba tiegħu lil Ġesù: "Mela jiena Lhudi? Kien il-poplu tiegħek u l-qassisin il-kbar li tawk f'idejja. X'għamilt?" (v.35).[10]

Lura għall-mistoqsija ta' Pilatu dwar jekk Ġesù kienx sultan, Ġesù jafferma li s-saltna tiegħu ma kinetx ta' din id-dinja. Din it-tweġiba tikkostitwixxi affermazzjoni politika minħabba li Ġesù jagħraf li hu għandu saltna - u allura huwa wkoll sultan - għalkemm din is-saltna tiegħu "mhijiex ta' din id-dinja" u "mhijiex ta' hawn" (v.36). Minkejja li fit-test Grieg il-mistoqsija ta' Pilatu fil-vers 37 -





"Mela inti sultan?" - tistenna tweġiba affermattiva, Pilatu probabbilment ikkonkluda li s-saltna ta' Ġesù ma kinetx ta' theddida għal Ruma, tant illi t-tweġiba ta' Pilatu tidher pjuttost arroganti u superjuri minn dik ta' Ġesù.[11] Aktarx minħabba li Ġesù kien jaf li Pilatu kien qed ifittex il-verità, Ġesù jestendi l-istedina impliċita tiegħu biex Pilatu jiskopri l-verità, billi jgħaqqad il-verità li ssalva mat-tagħlim tiegħu. Il-mistoqsija ta' Pilatu "u l-verità x'inhi?" fil-vers 38 mhijiex waħda profonda u ta' min jeħodha bis-serjetà. Minflok din it-tweġiba ta' Pilatu hija biss rimarka indifferenti, tant illi huwa jitlaq immedjatament minn quddiem Ġesù mingħajr ma jieħu tweġiba.

Fit-tielet xena (18:38b-40) Pilatu jerġa' joħroġ barra u jinforma lil-"Lhud" li hu ma jsibx ħtija

f'Ġesù (v.38b). Pilatu hawn jidher persuna onesta, iżda fil-fatt b'din l-affermazzjoni huwa kien qed jinki lil-"Lhud." Din il-ħaġa tidher aktar ċara fil-vers 39 meta Pilatu jirreferi għal Ġesù bħala "is-sultan tal-Lhud," iżda fil-fatt huwa aktar kien qed jinbex lil-"Lhud" fuq it-tamiet politiċi tagħhom għal pajjiżhom. "Issa intom għandkom id-drawwa li neħilsilkom wieħed fil-Għid. Tridunix neħilsilkom lis-sultan tal-Lhud?" Hawnhekk Pilatu ma kienx qed ifittex serjament biex jeħles lil Ġesù. Pilatu kien jaf tajjeb li l-"Lhud" riedu joqtlu lil Ġesù (ara v.31), u huwa uża dan it-tagħrif li kellu sabiex filwaqt li juri l-awtorità tiegħu, jirredikola lil-"Lhud." Dan kollu, fil-fatt, ħoloq frustrazzjoni fil-"Lhud" li issa bdew jgħajtu għall-ħelsien ta' Barabba, kontra l-ħelsien ta' Ġesù (v.40).

Fir-raba' xena (19:1-3) Pilatu, għalkemm ma kienx konvint li Ġesù huwa ta' theddida għal Ruma, jagħmel użu mit-tortura krudila sabiex joħroġ il-verità minn Ġesù (v.1).[12] Pilatu seta' ma kienx jaf il-verità (ara 18:38a), iżda huwa ħaseb li seta' jikseb din il-verità minn Ġesù permezz tas-swat.

Dan iwassalna għall-ħames xena (19:4-7) fejn Pilatu issa kien konvint li ma kienx hemm każ serju kontra Ġesù – li kien innoċenti. Għat-tieni darba fil-fatt, Pilatu jgħid lil-"Lhud:" "Araw, se nġibhulkom quddiemkom hawn barra, biex tkunu tafu li jien ma nsib ebda ħtija fih" (v.4; ara 18:38). Pilatu iżda, kien jaf ukoll li "l-Lhud" kienu determinati li joqtlu lil Ġesù. Dawk l-istudjużi li jqisu s-swat li qala' Ġesù mir-Rumani bħala kastig, il-frażi "sabiex tkunu tafu li jiena ma nsib ebda ħtija fih" fil-v.4 hija problematika. Minkejja dan, l-affermazzjoni ta' Pilatu tagħmel sens jekk inqisu l-flaġelazzjoni bħala tortura jew mezz biex toħroġ il-verità. Pilatu juri lil-"Lhud" li minkejja li kien iflaġġella lil Ġesù, huwa ma stqarr l-ebda ħtija, u allura l-flaġelazzjoni ta' Ġesù toħroġ aktar biċ-ċar l-innoċenza tiegħu.

Bl-affermazzjoni "Arawh, hawn hu l-bniedem!" (v.5),[13] imbagħad, Pilatu jkompli jirredikola lil-"Lhud" permezz ta' Ġesù li hu kien qed iqisu bħala persuna innoċenti u li ma tagħmilx ħsara (v.5). Imma "l-Lhud" bdew jitolbu l-kruċifissjoni għal Ġesù, għalkemm Pilatu kompla jinkihom



meta jweġibhom: "Ħuduh u sallbuh intom; jiena ma nsib ebda ħtija fih" (v.6). Issa, għall-ewwel darba, "il-Lhud" jippreżentaw akkuża reliġjuża meta lil Pilatu jgħidulu: "Aħna għandna liġi, u skont din il-liġi għandu jmut, għax għamel lilu nnifsu Bin Alla" (v.7). Din hi l-akkuża li l-"Lhud" kienu diġà ġiebu kontra Ġesù aktar minn darba fin-narrattiva (ara 5:18; 10:33). Fuq kollox, din kienet offiża li magħha kien hemm marbuta piena kapitali skont il-liġi ta' Mosè (Lev 24:16).[14]

Is-sitt xena (Ġw 19:8-11) tiftaħ billi tippreżentalna wieħed mis-sentimenti ta' Pilatu f'dan il-mument. "Meta sama' dan, Pilatu aktar baża'" (v.8).[15] Minħabba f'hekk, Pilatu ried ikun jaf l-oriġini divina ta' Ġesù meta jistaqsih: "Int mnejn int?" (v.9). Din hija meqjusa bħala l-aktar mistoqsija fundamentali għall-Kristoloġija ta' San Ġwann.[16] Irritat mis-silenzju ta' Ġesù, Pilatu jipprova jafferma l-awtorità tiegħu imma ma jirnexxilux (v.10). Minflok, Ġesù jfakkar lil Pilatu li l-awtorità ta' Pilatu kienet mogħtija lilu minn Alla, litteralment: "minn fuq": "Ma kien ikollok ebda setgħa fuqi kieku ma ġietx mogħtija lilek minn fuq" (v.11). Probabbilment li hawn Ġesù kien qed jirreferi għall-qawwa ta' Alla mogħtija lil Pilatu għal dak il-waqt partikulari.[17]



Ġesù mbagħad ikompli jgħid lil Pilatu: "Għalhekk min ta lili f'idejk għandu ħtija akbar" (v.11). Din ir-rimarka għal min kien li ta lil Ġesù lil Pilatu (Ġuda jew Kajfa/"il-Lhud") huwa ħati ta' dnub akbar, ma jfissirx li Pilatu kien bla ħtija. Pilatu m'użax l-awtorità li kienet mogħtija lilu minn Alla sabiex iwettaq ġustizzja ma' Ġesù. Minflok, Pilatu "jgħaddi" lil Ġesù "lil-Lhud": "fl-aħħar [Pilatu] tahulhom f'idejhom biex isallbuh" (v.16a). Interessanti hawn l-użu tal-verb "tahulhom" jew "għadda." Bil-Grieg dan il-verb huwa *paredoken* li jista' jfisser "titradixxi" jew "tgħaddi" lil xi ħadd jew xi ħaġa lil xi ħadd ieħor. Ħafna drabi huwa Ġuda l-Iskarjota s-suġġett ta' dan il-verb fl-Evanġelju (ara wkoll 18:2,5). Bl-użu ta' dan il-verb, mela f'19:16a l-Evanġelista donnu li jrid jurina li meta Pilatu għadda jew ta lil Ġesù lil Lhud, huwa fil-fatt kien qed jitradixxi lil Ġesù għaliex huwa kien jaf tajjeb li Ġesù hu innoċenti!

Dan kollu jġibna għas-seba' xena (19:12-16a) fejn Pilatu jagħmel attentat sabiex jeħles lil Ġesù. Imma issa kollox




kien jidher li kien tard wisq, hekk kif "il-Lhud" lagħbu l-aħħar karta tagħhom. B'mod tassew għaqli huma mmanipulaw lil Pilatu billi mmodifikaw l-akkuża tagħhom mill-aspett reliġjuż (v.7) għal dik politika (v.12): "Jekk inti teħles lil dan, tiksirha ma' Ċesari; għaliex kull min jagħmel lilu nnifsu sultan ikun qiegħed jeħodha kontra Ċesari." Mela filwaqt li l-ewwel kien Pilatu li ta għażla lil-"Lhud" meta offrielhom lil min riedu li jeħilsilhom, jekk hux lis-Sultan tal-Lhud jew inkella lil Barabba, issa kienu huma li kienu qed jagħtu għażla lil Pilatu jekk riedx jagħżel lil Ġesù jew inkella l-alleanza tiegħu ma' Ċesari! Quddiem dan kollu, Pilatu joqgħod bilqiegħda fuq il-bank tas-sentenza, fil-post imsejjaħ "Litostrotos; bil-Lhud Gabbatà" (v.13) sabiex juri l-awtorità tiegħu fuq "il-Lhud."[18] Huwa jkompli jinki lil-"Lhud" meta jgħidilhom: "Araw is-sultan tagħkom!" (v.14), akklamazzjoni li waslet biex "il-Lhud" jitolbu għall-kruċifissjoni ta' Ġesù (vv.14b-15a). Pilatu issa jilgħab l-aħħar karta tiegħu. Bil-mistoqsija tiegħu: "Jien se nsallab lis-sultan tagħkom?" (v.15). B'mod sottili, Pilatu kien qed jimmanipula lil-"Lhud" meta dawn jesprimu l-alleanza tagħhom ma' Ruma filwaqt li jiċħdu l-lealtajiet reliġjużi tagħhom: "Aħna ma għandniex sultan ħlief lil Ċesari!" (v.15). B'din it-tweġiba tagħhom "il-Lhud" kienu ssiġillaw iċ-ċaħda tagħhom lil Alla li kien l-uniku sultan tagħhom, filwaqt li ddikjaraw li s-sultan tagħhom huwa dak pagan: Ċesari! Din hija waħda mill-akbar ironiji li l-Evanġelista San Ġwann jippreżenta fin-narrattiva tiegħu.

B'dan il-mod, Pilatu kien rebaħ l-alleanza tal-Lhud favur ir-Rumani, filwaqt li għadda lil Ġesù f'idejn "il-Lhud" sabiex isallbuh (v.16a). F'19:19-22, Pilatu jkompli jinki t-tamiet nazzjonali u messjaniċi tal-"Lhud" permezz tat-tabella li kienet tgħid "Ġesù ta' Nazaret, is-sultan tal-Lhud" li

twaħħlet mas-salib ta' Ġesù. Hawnhekk, Pilatu jkompli juri l-awtorità tiegħu meta jirrifjuta li joqgħod għat-tibdil issuġġerit mil-"Lhud" dwar il-kontenut tat-tabella miktuba minnu stess. Il-qawwa ta' Pilatu fuq "il-Lhud" tidher ukoll fil-vers 31 meta dawn kellhom bżonn il-kunsens tiegħu fuq affari reliġjuża.

## l-Evalwazzjoni ta' Pilatu

Fil-logħba tiegħu, motivata mill-politika biex jimmanipula lil-"Lhud," Pilatu għamel li seta' sabiex iwassalhom jammettu r-rabta tagħhom ma' Ruma. Minħabba f'hekk, huwa għażel li jassagrifika l-verità/Ġesù. Pilatu m'użax l-awtorità mogħtija lilu minn Alla sabiex jagħmel ġustizzja; minflok huwa jwarrab il-verità/Ġesù u allura kkundanna lilu nnifsu (ara 3:20-21). Huwa kien jaf x'inhi l-verità u dak li hu ġust – Ġesù hu innoċenti u għandu jinħeles – iżda Pilatu ma mexiex ma' dawn il-konvinzjonijiet tiegħu.

Mhux ta' b'xejn li Pilatu mela, ġie kkaratterizzat b'mod differenti: minn bniedem dgħajjef, indeċiż u li jakkomoda għall-bniedem kattiv u provokattiv. Dan minħabba rappreżentazzjonijiet differenti tiegħu li nsibu fir-rakkonti tal-Evanġelju u f'għejun oħra storiċi bħal *Philo* u *Josephus*.[19] Għalkemm Pilatu jidher li kien gvernatur pjuttost kompetenti, huwa pprovoka lil-Lhud f'okkażjonijiet diversi. Jista' jkun iżda li huwa għamel hekk mingħajr ebda intenzjoni, minħabba forsi li ma kienx jaf biżżejjed, u allura kien insensibbli għad-drawwiet u l-liġijiet rigorużi tal-Lhud.[20]

Fil-konflitti tiegħu mal-Lhud, Pilatu seta' kien ras iebsa, iżda huwa kien iċedi, speċjalment fejn tidħol il-lealtà tiegħu lejn l-Imperatur Ruman. Għalhekk nistgħu nikkonkludu li jekk fl-Evanġelju skont San Ġwann, f'*Josephus* u *Philo*, Pilatu jidher bħala bniedem kattiv, deċiżiv u provokattiv, żgur li hu muri bħala personaġġ li kien jaf jagħżel għall-vantaġġ tiegħu u biex jissigura l-karriera politika tiegħu. San Ġwann jurina kif Pilatu għażel lil Ċesari u l-imperu "minn hawn isfel," minflok lil Ġesù u s-saltna tiegħu "minn fuq." L-istampa ta' Pilatu fir-Raba' Evanġelju, mela, ma tantx hija wisq differenti minn dik li nsibu f'*Josephus* u *Philo*.[21]

## Referenzi

1 Ara Cornelis Bennema, *Encountering Jesus: Character Studies in the Gospel of John* (Milton Keynes: Paternoster, 2009), 203-204.

2 Ara *War* 2.169-174; *Ant.* 18.55-59.

3 Ara *War* 2.175-177; *Ant.* 18.60-62.

4 Skont Brian Charles McGing, "Pontius Pilate and the Sources," *Catholic Biblical Quarterly* 53 (1991): 430, l-intenzjoni ta' Pilatu ma kinetx li jxerred id-demm, imma li juża l-forza mingħajr ma joqtol, imma għarralu.

5 Ara *Leg.* 299-305.

6 Ara *Leg.* 299-301.

7 Għejun oħra jirreferu għalih bħala "prokuratur" jiġifieri uffiċjal finanzjarju tal-provinċja. Ara Josephus, *Jewish War* 2.169; Philo, *Embassy to Gaius* 1.299. Pilatu jiġi msejjaħ ukoll bħala "gvernatur," titlu ġeneriku għal mexxej. Ara Mt 27:2; Lq 3:1; Josephus, *Ant.* 18.55.

8 Minħabba l-kwestjoni tal-antisemitiżmu f'rabta ma' dan l-Evanġelju, meta nitkellmu mil-"Lhud" f'dan l-Evanġelju, se ninkludu din il-kelma fl-*inverted commas.*

9 Ħafna mill-istudjużi jżommu din l-iskema. Għal skema differenti ara Charles Homer Giblin, "John's Narrative of the Hearing before Pilate" (John 18,28-19,16a)," *Biblica* 67 (1986): 221-239. Ara wkoll, Martin Micallef, "L-Evanġelista li jehmeż: Riflessjonijiet fuq it-titlu ta' 'Krisu Re' fir-Raba' Evanġelju, l-ewwel parti," *Dawl Franġiskan* 174 (Novembru 1997): 2-4; Martin Micallef, "L-Evanġelista li jehmeż: Riflessjonijiet fuq it-titlu ta' 'Krisu Re' fir-Raba' Evanġelju, it-tieni parti,"

*Dawl Frangiskan* 175 (Diċembru 1997): 2-3.

10 Kontra dan l-argument ara Warren Carter, *Pontius Pilate: Portraits of a Roman Governor* (Collegeville, MN: Liturgical Press, 2003), 141-142, fejn jargumenta li Pilatu kien qed iżomm mal-"Lhud" sabiex jeħles minn Ġesù.

11 Fuq din it-tweġiba ta' Pilatu ara Bart D. Ehrman, "Jesus' Trial before Pilate: John 18.28-19.16," *Biblical Theological Bulletin* 13 (1983):124-131.

12 Fuq dan il-punt ara Jennifer A. Glancy, "Torture: Flesh, Truth, and the Fourth Gospel," *Biblical Interpretation* 13 (2005): 107-136 fejn targumenta li s-swat aktar milli tortura punittiva, kien att uffiċjali jew mezz biex tinterroga u toħroġ il-verità. Awturi oħra iżda jenfasizzaw aktar l-aspett tat-tortura punittiva u ta' uġigħ bħala kastig. Ara David K. Rensberger, *Overcoming the World: Politics and Community in the Gospel of John* (London: SPCK, 1988), 93.

13 L-awtur ta' dan l-Evanġelju seta' kien qed jalludi għall-"umanità" ta' Ġesù jew għat-titlu tiegħu ta' "Bin il-bniedem."

14 Ara David W. Wead, "We have a Law," *Novum Testamentum* 11 (1969): 185-189, fejn jargumenta li "il-Lhud" kienu qed jakkużaw ukoll lil Ġesù bħala profeta falz li kien qed iqarraq bil-poplu u jbegħedhom mil-Liġi ta' Mosè, offiża oħra li kienet marbuta ma' piena kapitali (Dewt 13:1-5).

15 Ara Mark W.G. Stibbe, *John as Storyteller: Narrative Criticism and the Fourth Gospel,* SNTSMS, 73 (Cambridge: Cambridge University Press, 1992), 108. Aktar milli "jibża' aktar" xi traduzzjonijiet jiktbu li Pilatu beda "jibża" għaliex qabel ma naqrawx li Pilatu kien qed jibża.'

16 Ara Francis J. Moloney, *The Gospel of John,* Sacra Pagina 4 (Collegeville, MN: Liturgical Press, 1985), 495.

17 Ara R. Bultmann, *The Gospel of John,* trans. George R. Beasley-Murray (Philadelphia: Westminister, 1971), 662; Raymond E. Brown, *The Gospel According to John,* Anchor Bible 29A (New York-Doubleday, 1970), 892-893. Għal kritika fuq din l-interpretazzjoni ara, John Howard Yorder, *The Politics of Jesus* (Grand Rapids: Eerdmans, 2nd ed. 1994), kapitlu 10.

18 Għalkemm hu possibbli li titraduċi wkoll 19:13b bħala "u hu [Pilatu] qiegħed lil [Ġesù] fuq is-siġġu tal-ġudizzju." Kontra din it-traduzzjoni ara Colleen M. Conway, *Men and Women in the Fourth Gospel: Gender and Johannine Characterization,* SBLDS, 167 (Atlanta: Society of Biblical Literature, 1999), 161.

19 Ara McGing, "Pontius Pilate and the Sources," 416-438; Helen K. Bond, *Pontius Pilate in History and Interpretation,* SNTSMS 100 (Cambridge: Cambridge University Press, 1998), 174-175.

20 Ara McGing, "Pilate," 434-435; Bond, *Pontius Pilate in History and Interpretation,* 47-48, 93.

21 Ara Frances Taylor Gench, *Encounters with Jesus: Studies in the Gospel of John* (Louisville: Westminister John Knox, 2007), 122-123. Għalkemm hemm opinjonijiet opposti għal dan. Ara pereżempju, Margaret Davies, *Rhetoric and Reference in the Fourth Gospel,* JSNTSup 69 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1992), 314-315; Jerome J. Neyrey, *Gospel of John,* NCBC (Cambridge, Cambridge University Press, 2007), 304-305.

**ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK**

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

# TIĠDID L-ART IMQADDSA 2019




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

**TOĦROĠ KULL 3 XHUR**


**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ______________
bħal abbonament għall-2019



Pellegrinaġġi Franġiskani 2019
Art Imqaddsa u Ġordanja
29 April - 09 Mejju
Art Imqaddsa 8 ljiem
11 - 19 Lulju
02 - 10 Settembru
Art Imqaddsa Extra
04 - 14 Novembru
Assisi
15 - 23 Ġunju
31 Awwissu - 08 Settembru
Ikteb jew ċempel:
Kummissarjat tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt